ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 164

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

25 ta' Ġunju 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 595/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1255/96 li jissospendi b'mod temporanju d-dazji awtonomi tat-Tariffi Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali, agrikoli u tas-sajd** ........ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 596/2008 ta' l-24 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 10

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 597/2008 ta' l-24 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 372/2007 li jistipula limiti ta' migrazzjoni transizzjonali għall-plastifikanti fil-gaskits f'għotjien intiżi biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel** ([1]) ........ 12

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 598/2008 ta' l-24 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 589/2008 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd** ........ 14

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 599/2008 ta' l-24 ta' Ġunju 2008 li jirrettifika r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 412/2008 tat-8 ta' Mejju 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni taċ-ċanga ffriżata għall-ipproċessar** 16

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)** ([1]) ........ 19

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2008/483/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda għall-ġlieda kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2006** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2722)* 41

2008/484/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Ġunju 2008 dwar l-estensjoni ta' ċerti deċiżjonijiet ta' Għajnuna mill-Istat** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2883)* (¹) ............................ 43

---

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/485/PESK tat-23 ta' Ġunju 2008 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK dwar il-missjoni tal-pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo)** .................................................... 44

---

**Corrigendum**

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1214/2007 ta' l-20 ta' Settembru 2007 li jemenda Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana (ĠU L 286, 31.10.2007)** ........................................... 46

MT

(¹) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 595/2008

## tas-16 ta' Ġunju 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1255/96 li jissospendi b'mod temporanju d-dazji awtonomi tat-Tariffi Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali, agrikoli u tas-sajd

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Huwa fl-interess tal-Komunità li d-dazji awtonomi tat-tariffi doganali komuni jiġu sospiżi parzjalment jew totalment fuq għadd ta' prodotti ġodda mhux elenkati fl-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/96 [1].

(2) Il-kodiċijiet NM u TARIC 5603 12 10 20 u 8504 40 84 20 għal żewġ prodotti li huma elenkati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1255/96 għandhom jitneħħew minn dik il-lista għaliex m'għadux fl-interess tal-Komunità li tinżamm sospensjoni ta' dazji awtonomi tat-tariffi doganali komuni.

(3) Barra minn hekk, id-deskrizzjonijiet ta' tmien prodotti jeħtiġilhom jinbidlu sabiex iqisu l-iżviluppi tekniċi tal-prodotti u x-xejriet ekonomiċi tas-suq. Dawk il-prodotti għandhom jitqiesu li tneħħew mil-lista u b'riżultat ta' dan għandhom jiddaħħlu fiha bħala prodotti ġodda.

(4) L-esperjenza wriet il-ħtieġa li tingħata data ta' skadenza għas-sospensjonijiet elenkati fir-Regolament (KE) Nru 1255/96 biex ikun żgurat li jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi. Dak m'għandux jeskludi t-terminazzjoni prematura ta' ċerti miżuri jew il-kontinwazzjoni tagħhom lil hinn minn dak il-perjodu, jekk jitressqu raġunijiet ekonomiċi, skond il-prinċipji stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-1998 dwar is-sospensjonijiet u l-kwoti tat-tariffi awtonomi [2].

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1255/96 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(6) B'kont meħud ta' l-importanza ekonomika ta' dan ir-Regolament, jeħtieġ li jiġu invokati r-raġunijiet ta' urġenza previsti fil-punt I.3 tal-Protokoll dwar ir-rwol ta' parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej.

(7) Peress li s-sospensjonijiet imniżżlin f'dan ir-Regolament għandhom jieħdu effett mill-1 ta' Lulju 2008, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data u jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1255/96 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Ir-ringieli għall-prodotti elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament għandhom jiddaħħlu;

(2) Ir-ringieli għall-prodotti li l-kodiċijiet NM u TARIC tagħhom jingħataw fl-Anness II għal dan ir-Regolament għandhom jitħassru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2008.

---

(1) ĠU L 158, 29.6.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1527/2007 (ĠU L 349, 31.12.2007, p. 7).

(2) ĠU C 128, 25.4.1998, p. 2.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 16 ta’ Ġunju 2008.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
D. RUPEL

*ANNESS I*

Prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1).

| Kodiċi NM | TARIC | Deskrizzjoni | Rata ta' dazji awtonomi | Perjodu ta' validità |
|---|---|---|---|---|
| ex 2008 60 19<br>ex 2008 60 39 | 30<br>30 | Ċirasa ħelwa li fiha spirtu miżjud, b'kontenut, jew mingħajr, ta' zokkor ta' 9 % f'piż, ta' dijametru ta' mhux aktar minn 19,9 mm bl-għadma, għall-użu fi prodotti taċ-ċikkulata ([1]) | 10 % ([2]) | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 2835 10 00 | 10 | Ipofosfit tas-sodju monoidrat | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 2839 19 00 | 10 | Disilikat tad-disodju | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 2841 80 00 | 10 | Wolframat tad-diammonju (paratungstat tad-diammonju) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 2850 00 20 | 30 | Nitrid tat-titanju b'daqs ta' partikula ta' mhux aktar minn 250 nm | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 2930 90 85 | 82 | Toluwin-4-sulfinat tas-sodju | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 2930 90 85 | 83 | Metil-*p*-tolilsulfon | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 2934 20 80 | 40 | 1,2-Benzisotijazol-3(2H)-on (Benzisotijazolinon (BIT)) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 3808 93 15 | 10 | Preparazzjoni bbażata fuq konċentrat li jikkonsisti, f'piż, minn 45 % jew aktar iżda mhux aktar minn 55 % ta' l-ingredjent attiv erbiċidali Penoxsulam bħala sospensjoni fl-ilma | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 3815 19 90 | 41 | Katalizzaturi f'forma ta' pilloli, li jikkonsistu minn 60 % (± 2 %) f'piż ossidu tar-ramm fuq irfid ta' ossidu ta' l-aluminju | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 3815 90 90 | 85 | Katalizzatur abbażi ta' aluminosilikat (zeolite), għall-alkilazzjoni ta' idrokarburi aromatiċi, għat-transalkilazzjoni ta' idrokarburi alkilaromatiċi jew għall-oligomerizzazzjoni ta' olefini ([1]) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 3824 90 97 | 70 | Pejst li jikkonsisti f'piż minn 75 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 85 % ramm, u fih ukoll ossidi inorganiċi, etilċelluloża u solvent | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |

| Kodiċi NM | TARIC | Deskrizzjoni | Rata ta' dazji awtonomi | Perjodu ta' validità |
|---|---|---|---|---|
| ex 3824 90 97 | 78 | Taħlita ta' fitosteroli derivati mill-injam jew minn żjut b'bażi ta' injam (tall oil), f'forma ta' trab b'daqs ta' partikula ta' mhux aktar minn 300 µm, li tikkonsisti, f'piż, minn:<br>— 60 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 80 % sitosteroli,<br>— mhux aktar minn 15 % kampesteroli,<br>— mhux aktar minn 5 % stigmasteroli, u<br>— mhux aktar minn 15 % betasitostanoli | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 3904 10 00 | 20 | Trab tal-klorur tal-polivinil, mhux imħallat ma' l-ebda sustanzi oħra, bi grad ta' polimerizzazzjoni ta' 1 000 (± 100) unita ta' monomeri, koeffiċjent ta' trasmissjoni tas-sħana (valur-K) ta' 60 jew aktar, iżda mhux aktar minn 70, densità tal-massa ta' 0,35 g/cm$^3$ jew aktar, iżda mhux aktar minn 0,55 g/cm$^3$, kontenut ta' materjal volatili ta' anqas minn 0,35 % f'piż, daqs medju ta' farka medja ta' 40 µm jew aktar, iżda mhux aktar minn 70 µm u frazzjoni ta' mogħdija minn għarbiel b'malji ta' 120 µm ta' mhux aktar minn 1 % f'piż, mingħajr ebda monomeri tal-vinil aċetat, għall-manifattura ta' separaturi tal-batteriji ([1]) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 3919 10 69<br>ex 3919 90 69 | 91<br>96 | Żigarella ta' ragħwa akrilika sewda, mgħottija fuq naħa waħda b'adeżiv attivabbli bis-sħana jew adeżiv akriliku sensittiv għall-pressa u fuq in-naħa l-oħra adeżiv akriliku sensittiv għall-pressa u folja protettiva li titneħħa (release sheet), b'adeżjoni tat-tqaxxir (peel adhesion) f'angolu ta' 90° jew aktar minn 25 N/ċm (skond bil-metodu ASTM D 3330) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 3919 90 69 | 97 | Rombli ta' film tal-polipropilene f'orjentazzjoni biassjali:<br>— b'kisja li teħel minnha nnifisha,<br>— b'wisa' ta' 363 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 507 mm,<br>— b'wisa' totali tal-film ta' 10 µm jew aktar iżda mhux aktar minn 100 µm,<br>għall-użu fil-protezzjoni ta' displejs LCD waqt il-manifattura ta' moduli LCD ([1]) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 3920 62 19<br>ex 3920 62 19 | 80<br>82 | Film tal-polietilene tereftalat b'wisa' ta' mhux aktar minn 20 µm, miksi fuq iż-żewġ naħat bi strat ta' barriera tal-gass li tikkonsisti minn matriċi polimerika fejn jixtered is-silika u ta' wisa' ta' mhux aktar minn 2 µm | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |

| Kodiċi NM | TARIC | Deskrizzjoni | Rata ta' dazji awtonomi | Perjodu ta' validità |
|---|---|---|---|---|
| ex 3920 92 00 | 30 | Film tal-poliamide bi ħxuna ta' mhux aktar minn 20 µm, miksi fuq iż-żewġ naħat bi strat ta' barriera tal-gass li tikkonsisti minn matriċi polimerika fejn jixtered is-silika u ta' wisa' ta' mhux aktar minn 2 µm | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 5603 11 10<br>ex 5603 11 90 | 20<br>20 | Materjali mhux minsuġa, b'piż ta' mhux aktar minn 20 g/m$^2$, b'filamenti *spunbounded* u *meltblown* impoġġija flimkien bhal sandwiċ fejn l-istrati ta' barra fihom ħafna filamenti fini (b'dijametru ta' aktar minn 10 µm iżda ta' mhux aktar minn 20 µm) u l-istrat ta' ġewwa fih ħafna filamenti fini ħafna (b'dijametru ta' aktar minn 1 µm iżda ta' mhux aktar minn 5 µm), għall-manifattura ta' ħrieqi u ta' qlejbiet u ta' ħrieqi sanitarji simili ([1]) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 5603 12 90 | 50 | Mhux minsuġ:<br>— jiżen 30 g/m$^2$ jew aktar, iżda mhux aktar minn 60 g/m$^2$<br>— fih fibri tal-polipropilene jew ta' polipropilene u polietilene<br>— stampat jew le, bi:<br>— minn naħa waħda, 65 % ta' l-erja kollha tal-wiċċ miksija b'boċċi żgħar ta' 4 mm dijametru, li jikkonsistu f'fibri mrembla, mhux mgħaqqda ma' xulxin, elevati u ankrati, tajbin biex jaqbdu magħhom materjali estrużi f'forma ta' ganċ, filwaqt li il-35 % li jifdal ta' l-erja tal-wiċċ tkun magħqqda ħaġa waħda,<br>— u fuq in-naħa l-oħra wiċċ lixx u milsi,<br>għall-użu fil-manufattura ta' srievet u nforra tas-srievet għat-trabi u oġġetti sanitarji simili. ([1]) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 7005 10 25 | 10 | *Float glass:*<br>— bi ħxuna ta' 2,0 mm jew aktar, imma mhux aktar minn 2,4 mm,<br>— miksi fuq wiċċ wieħed b'saff riflettiv ta' dijossidu tal-landa miżjud bil-fluworin | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 7005 10 30 | 10 | *Float glass:*<br>— bi ħxuna ta' 4,0 mm jew aktar, imma mhux aktar minn 4,2 mm,<br>— bi trażmissjoni tad-dawl ta' 91 % jew aktar, imkejla b'sors tad-dawl tat-tip D,<br>— miksi fuq wiċċ wieħed b'saff riflettiv ta' dijossidu tal-landa miżjud bil-fluworin | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |

| Kodiċi NM | TARIC | Deskrizzjoni | Rata ta' dazji awtonomi | Perjodu ta' validità |
|---|---|---|---|---|
| ex 7006 00 90<br>ex 8529 90 92 | 60<br>46 | Pjanċi tal-ħġieġ soda-ġir ("soda-lime"):<br>— punt ta' strapazz ta' aktar minn 570°C<br>— ħxuna ta' 1,7 mm jew aktar, imma mhux aktar minn 2,9 mm<br>— dimensjonijiet ta' 1 144 mm (± 0,5 mm) × 67 0 mm (± 0,5 mm) jew 1 164 mm (± 0,5 mm) × 649 mm (± 0,5 mm)<br>— u sew jekk fihx jew le:<br>— saff ta' Ossidu tal-Landa-Indju, jew<br>— struttura ta' elettrodi magħmula mill-impasta tal-fidda miksija b'materjal dielettriku | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 7007 19 20 | 20 | Folja tal-ħġieġ ittemprat jew semittemprat ta' daqs dijagonali ta' 81 cm jew aktar, imma li ma jaqbiżx 186 cm, b'saff wieħed jew aktar ta' polimeru, sew miżbugħa kif ukoll le jew b'ċeramika kkulurita jew sewda madwar it-truf tad-dawra, għall-użu fil-manifattura ta' prodotti koperti bl-intestatura 8528 ([1]) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 7606 12 10<br>ex 7607 11 90 | 10<br>20 | Strixxa ta' liga ta' aluminju u manjeżju, li tikkonsisti, f'piż, minn:<br>— 93,3 % jew aktar aluminju,<br>— 2,2 % jew aktar iżda mhux aktar minn 5 % manjeżju, u<br>— mhux aktar minn 1,8 % elementi oħra,<br>f'rombli, ta' ħxuna ta' 0,14 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 0,40 mm u wisa' ta' 12,5 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 89 mm, b'saħħa ta' tensjoni ta' 285 N/mm$^2$ jew aktar u b'elongazzjoni fil-punt tal-ksur ta' 0,1 % jew aktar | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 7607 20 99 | 10 | Film laminat ta' l-aluminju bi ħxuna totali ta' mhux aktar minn 0,123 mm, magħmul minn saff ta' aluminju ta' ħxuna ta' mhux aktar minn 0,04 mm, films ta' bażi tal-poliamide u tal-polipropilene, u kisja protettiva kontra l-korrużjoni mill-aċidu idrofluworiku, għall-użu fil-manifattura ta' batteriji tal-polimeru tal-litju ([1]) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 8108 90 30 | 10 | Vireg ta' liega tat-titanju konformi man-normi EN 2002-1 jew EN 4267 | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |

| Kodiċi NM | TARIC | Deskrizzjoni | Rata ta' dazji awtonomi | Perjodu ta' validità |
|---|---|---|---|---|
| ex 8108 90 30 | 20 | Żbarri, vireg u wajer ta' lega tat-titanju u l-aluminju li bil-piż fihom 1 % jew aktar, imma mhux aktar minn 2 %, ta' aluminju, għall-użu fil-manufattura tas-*silencers* u pajpijiet ta' l-*exhaust* tas-subintestaturi 8708 92 jew 8714 19 (1) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 8108 90 50 | 30 | Liga tat-titanju u s-silikon, li fiha f'piż 0,15 % jew aktar iżda mhux aktar minn 0,60 % silikon, f'folji jew f'rombli, għall-użu fil-manifattura ta':<br>— sistemi ta' l-egżost għal magni b'kombustjoni interna jew<br>— tubi u pajpijiet ta' subintestatura 8108 90 60 (1) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 8108 90 50 | 40 | Folji ta' liga ta' titanju għall-manifattura ta' partijiet strutturali ta' inġenji ta' l-ajru (1) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 8108 90 50 | 50 | Pjanċi, folji, strippi and folji rqaq ta' lega tat-titanju, ramm u nijobju, li bil-piż fih 0,8 % jew aktar, imma mhux aktar minn 1,2 %, ramm u 0,4 % jew aktar, imma mhux aktar minn 0,6 %, nijobju | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 8113 00 90 | 10 | *Carrier plate* magħmula minn karbur tas-silikon (AlSiC-9) għaċ-ċirkuwiti elettroniċi | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 8407 33 90<br>ex 8407 90 80<br>ex 8407 90 90 | 10<br>10<br>10 | Magni li jaqbdu bi xrara bil-moviment alternat jew magni rotatorji bil-pistuni b'kombustjoni interna, b'ċilindrata ta' mhux aktar minn 300 $cm^3$ u b'qawwa ta' mhux anqas minn 6 kW iżda li ma taqbiżx 20,0 kW, għall-fabbrikazzjoni ta':<br>— magni tal-ħsad għal-lonijiet li jaħdmu awtomatikament minnhom infushom, mgħammra b'sedil, tas-subintestarura 8433 11 51<br>— trakters tas-subintestatura 8701 90 11, li l-funzjoni ewlenija hija dik ta' magni tal-ħsad għal-lonijiet jew<br>— magni tal-ħsad "four-stroke" b'magna b'ċilindrata ta' mhux anqas minn 300 $cm^3$ tas-subintestatura 8433 20 10<br>— jew *snowploughs* u *snowblowers* tas-subintestatura 8430 20 (1) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 8407 90 10 | 20 | Magna tal-kombustjoni interna "two-stroke", b'ċilindrata li ma taqbiżx 125 $cm^3$, għall-użu fil-fabbrikazzjoni ta' magni tal-ħsad għal-lonijiet tas-subintestatura 8433 11 jew *snowploughs* u *snowblowers* tas-subintestatura 8430 20 (1) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 8536 69 90 | 20 | *Pitch connector* għall-użu fil-manifattura ta' tagħmir tar-riċezzjoni f'televixins LCD (1) | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |

| Kodiċi NM | TARIC | Deskrizzjoni | Rata ta' dazji awtonomi | Perjodu ta' validità |
|---|---|---|---|---|
| ex 9001 20 00 | 10 | Materjal li jikkonsisti f'film polarizzanti, kemm jekk hu fuq rombli kemm jekk mhux, mirfud minn naħa waħda jew miż-żewġ naħat minn materjal trasparenti | 0 % | 1.7.2008-31.12.2012 |
| ex 9405 40 39 | 10 | Modulu tad-dawl ambjenti b'tul ta' 300 mm jew aktar, iżda li ma jaqbiżx 600 mm, fuq il-bażi ta' ġeneratur tad-dawl b'serje ta' 3 jew aktar, iżda mhux aktar minn 9 LEDs speċifiċi ta' ċippa waħda tad-dawl aħmar, aħdar u blu mmuntati fuq bord (PCB), b'dawl imqabbad ma' quddiem u/jew wara t-Televixin Ċatt [1] | 0 % | 1.7.2008-31.12.2008 |

[1] Dħul taħt din is-subintestatura huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità (ara mill-Artikoli 291 sa 300) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 - ĠU L 253, 11.10.1993 p. 1).

[2] Id-dazju addizjonali speċifiku huwa applikabbli.

*ANNESS II*

Prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2):

| Kodiċi NM | TARIC |
|---|---|
| 3815 90 90 | 85 |
| 3919 10 69<br>3919 90 69 | 91<br>96 |
| 5603 11 10<br>5603 11 90<br>5603 12 10<br>5603 12 90 | 20<br>20<br>20<br>50 |
| 7607 20 99 | 10 |
| 8108 90 50 | 30 |
| 8407 33 90<br>8407 90 80<br>8407 90 90 | 10<br>10<br>10 |
| 8407 90 10 | 20 |
| 8504 40 84 | 20 |
| 9001 20 00 | 10 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 596/2008

## ta' l-24 ta' Ġunju 2008

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni ta' l-24 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 41,8 |
| | MK | 36,3 |
| | TR | 58,4 |
| | ZZ | 45,5 |
| 0707 00 05 | JO | 156,8 |
| | MK | 22,9 |
| | TR | 111,0 |
| | ZZ | 96,9 |
| 0709 90 70 | JO | 216,7 |
| | TR | 98,7 |
| | ZZ | 157,7 |
| 0805 50 10 | AR | 131,4 |
| | TR | 135,6 |
| | US | 93,5 |
| | ZA | 109,1 |
| | ZZ | 117,4 |
| 0808 10 80 | AR | 87,1 |
| | BR | 88,6 |
| | CL | 108,3 |
| | CN | 76,2 |
| | NZ | 121,0 |
| | US | 94,9 |
| | UY | 85,9 |
| | ZA | 94,1 |
| | ZZ | 94,5 |
| 0809 10 00 | IL | 121,6 |
| | TR | 189,3 |
| | US | 236,6 |
| | ZZ | 182,5 |
| 0809 20 95 | TR | 382,4 |
| | US | 353,8 |
| | ZZ | 368,1 |
| 0809 30 10, 0809 30 90 | IL | 144,8 |
| | US | 245,1 |
| | ZZ | 195,0 |
| 0809 40 05 | IL | 157,7 |
| | TR | 131,9 |
| | ZZ | 144,8 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 597/2008

## ta' l-24 ta' Ġunju 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 372/2007 li jistipula limiti ta' migrazzjoni transizzjonali għall-plastifikanti fil-gaskits f'għotjien intiżi biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel, u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/19/KE tat-2 ta' April 2007, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2002/72/KE li tirreferi għall-materjali u l-oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' l-oġġetti ta' l-ikel ([2]), tiċċara li l-gaskits fl-għotjien jaqgħu taħt l-ambitu tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/72/KE ([3]). Id-Direttiva tistipula li, sa l-1 ta' Mejju 2008, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jippermettu ċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' gaskits fl-għotjien jekk dawn ikunu konformi ma' limiti speċifiċi ta' migrazzjoni (SMLs) stabbiliti fid-Direttiva 2002/72/KE kif emendata. Il-punt (b) tat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2007/19/KE jistipula li, sa mill-1 ta' Lulju 2008, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-manifattura u l-importazzjoni ta' gaskits ta' l-għotjien li mhumiex konformi.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 372/2007 ([4]) jirregola t-tqegħid fis-suq ta' gaskits fl-għotjien imsemmija fil-punt (b) tat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2007/19/KE, li qegħdin għal perjodu transizzjonali qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Din tistabbilixxi SMLs transizzjonali għas-somma ta' ċerti plastifikanti użati fil-gaskits fl-għotjien sabiex iċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' dawn il-prodotti ma tkunx imxekkla, l-għotjien u l-prodotti ta' l-ikel li joħolqu riskju sinifikanti jitneħħew minnufih mis-suq u, fl-istess waqt, l-industrija jkollha biżżejjed ħin biex tiffinalizza l-iżvilupp ta' gaskits li huma konformi ma' l-SMLs stipulati fid-Direttiva 2002/72/KE kif emendata bid-Direttiva 2007/19/KE. Dan il-perjodu transizzjonali kien maħsub biex idum sat-30 ta' Ġunju 2008.

(3) F'Diċembru ta' l-2007 il-Kummissjoni kienet infurmata mill-industrija ta' l-ikel u l-għotjien li sa Lulju ta' l-2008 ma kinux se jkunu disponibbli fis-suq biżżejjed għotjien eżaminati għall-konformità tagħhom mad-Direttiva 2002/72/KE għall-industrija ta' l-ikel sabiex tippakkja ikel kritiku bħalma hu l-ikel fiż-żejt, il-pesto u z-zlazi li fihom ix-xaħam. Ġew żviluppati ċerti soluzzjonijiet li ma jaħdmux għall-prodotti kollha. Xi soluzzjonijiet oħra ma jiġux prodotti fil-qisien ta' l-għotjien kollha. Għal għadd ta' soluzzjonijiet, għad m'hemmx għeluq issiġġillat għal ħażna fit-tul u mġiba migratorja.

(4) L-għotjien konformi mad-Direttiva 2007/19/KE se jibdew ikunu disponibbli minn Lulju ta' l-2008 u l-ittestjar mill-industrija ta' l-ikel ta' soluzzjonijiet li possibilment jintużaw għall-għotjien se jibda minn dak in-nhar. Meta wieħed iqis li l-prodotti ta' l-ikel li fihom ix-xaħam u li jiġu ppakkjati b'dawn l-għotjien huma suġġetti għall-produzzjoni staġjonali, u li l-produtturi ta' l-ikel ikollhom bżonn ftit taż-żmien bex jeżaminaw u jagħżlu s-soluzzjoni xierqa għall-prodotti tagħhom, huwa neċessarju li jiġi stabbilit perjodu ieħor li matulu l-għotjien konformi mar-Regolament (KE) Nru 372/2007 ikunu jistgħu jintużaw biex jiġi ppakkjat l-ikel permezz ta' deroga minn punt (b) tat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2007/19/KE. B'konformità ma' punt (d) ta' dak it-tielet subparagrafu, il-perjodu transizzjonali għandu jiġi fi tmiemu fit-30 ta' April 2009.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 372/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

([1]) ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.
([2]) ĠU L 91, 31.3.2007, p. 17, ikkoreġut bil-ĠU L 97, 12.4.2007, p. 50.
([3]) ĠU L 220, 15.8.2002, p. 18. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2008/39/KE (ĠU L 63, 7.3.2008, p. 6).
([4]) ĠU L 97, 12.4.2007, p. 9.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 372/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 ikun sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 1*

Permezz ta’ deroga minn punt (b) tat-tielet subparagrafu ta’ l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2007/19/KE, l-għotjien li fihom saffi tal-plastik jew miksija bil-plastik, li jiffurmaw gaskits f’dawn l-għotjien, li flimkien huma komposti minn żewġ saffi jew aktar ta’ tipi differenti ta’ materjal, jistgħu jitqiegħdu fis-suq fil-Komunità jekk ikunu konformi mar-restrizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet li jidhru fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.”

(2) Fl-Artikolu 2, id-data “30 ta’ Ġunju 2008” tiġi sostitwita bit-“30 ta’ April 2009”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta’ Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 598/2008

## ta' l-24 ta' Ġunju 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 589/2008 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 121(d) flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Wara li ġew issimplifikati l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd, l-Istati Membri għandhom jagħtu eżenzjonijiet mir-rekwiżit ta' l-immarkar fuq talba ta' l-operaturi biss. Madanakollu, sabiex l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw ir-regoli l-ġodda, ġie stabbilit perjodu transitorju raġonevoli ta' sena, mill-1 ta' Lulju 2007 sat-30 ta' Ġunju 2008, fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 557/2007 tat-23 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1028/2006 dwar standards għall-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd [2], f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-immarkar tal-bajd li jkun prodott fil-Komunità jew f'pajjiżi terzi għall-ipproċessar.

(2) Mill-1 ta' Lulju 2008, il-bajd prodott fil-Komunità għall-ipproċessar jista' jingħata eżenzjoni mir-rekwiżit ta' l-immarkar mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. Miżuri simili ma ġewx previsti għall-prodott importat minn pajjiżi terzi. F'konformità mal-prinċipju tat-Trattament Nazzjonali, stabbilit fl-Artikolu 2.1 tal-Ftehim dwar l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ, dawn l-eżenzjonijiet possibbli mill-immarkar għandhom japplikaw ukoll għall-prodott importat minn pajjiżi terzi mingħajr ebda diskriminazzjoni.

(3) Meta tingħata din it-tip ta' eżenzjoni mill-immarkar, għandhom jiġu stabbiliti regoli sabiex jiġi vverifikat il-post tal-wasla finali reali ta' dan it-tip ta' bajd għall-industrija ta' l-ikel li ma jkunx immarkat.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 589/2008 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(5) Sabiex il-bajd prodott fil-Komunità ma jiġix ittrattat b'mod differenti mill-bajd impurtat wara li jintemm il-perjodu transitorju, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2008.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 589/2008 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

**L-immarkar tal-bajd li jitwassal direttament lill-industrija ta' l-ikel**

1. Ħlief fejn hemm dispożizzjoni mod ieħor fil-leġislazzjoni sanitarja, l-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet lill-operaturi mill-obbligi ta' l-immarkar li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Anness XIV, A, III, (1) u fl-Anness XIV, A, IV (3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, fuq talba taghhom stess, f'każ li l-bajd jitwassal direttament mill-post tal-produzzjoni għal għand l-industrija ta' l-ikel.

2. Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu:

(a) L-Istati Membri fejn ikun stabbilit il-post tal-produzzjoni għandhom jinfurmaw b'mod xieraq lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati dwar l-għotja tad-deroga dwar l-immarkar qabel ma titwettaq kwalunkwe kunsinna;

(b) meta d-deroga tkun tikkonċerna fornitur stabbilit f'pajjiż terz, il-bajd għandu jitwassal lill-industrija bil-kundizzjoni li l-post tal-wasla finali tiegħu għall-ipproċessar jiġi vverifikat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jkun qed jagħti l-eżenzjoni;

(ċ) il-kunsinna għandha tkun parti mir-responsabbiltà sħiħa ta' l-operatur ta' l-industrija ta' l-ikel, li jaċċetta li juża l-bajd biss għall-ipproċessar kif xieraq."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Lulju 2008.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).

[2] ĠU L 132, 24.5.2007, p. 5. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1336/2007 (ĠU L 298, 16.11.2007, p. 3). Ir-Regolament (KE) Nru 557/2007 ser jiġi sostitwit bir-Regolament (KE) Nru 589/2008 (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 6) mill-1 ta' Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 599/2008

## ta' l-24 ta' Ġunju 2008

## li jirrettifika r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 412/2008 tat-8 ta' Mejju 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni taċ-ċanga ffriżata għall-ipproċessar

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Iċ-ċitazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 382/2008 fl-Anness II għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 412/2008 ([2]) hija r-riżultat ta' żball.

(2) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 412/2008 għandu jiġi emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 412/2008 għandu jinbidel bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 98/2008 (ĠU L 29, 2.2.2008, p. 5). Ir-Regolament (KE) Nru 1254/1999 se jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2008.

([2]) ĠU L 125, 9.5.2008, p. 7.

*ANNESS*

*"ANNESS II*

**L-annotazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(3)(c)**

— *bil-Bulgaru:* Лицензия, валидна в … (държава-членка издател)/месо, предназначено за преработка в … [продукти А] [продукти Б] (ненужното се зачертава) в … (точно наименование и номер на одобрението на предприятието, където ще се извърши преработката) / Регламент (ЕО) № 412/2008

— *bl-Ispanjol:* Certificado válido en … (Estado miembro expedidor) / carne destinada a la transformación … [productos A] [productos B] (táchese lo que no proceda) en … (designación exacta y número de registro del establecimiento en el que vaya a procederse a la transformación) / Reglamento (CE) nº 412/2008

— *biċ-Ċek:* Licence platná v … (vydávající členský stát) / Maso určené ke zpracování … [výrobky A] [výrobky B] (nehodící se škrtněte) v (přesné určení a číslo schválení zpracovatelského zařízení, v němž se má zpracování uskutečnit)/ nařízení (ES) č. 412/2008

— *bid-Daniż:* Licens gyldig i … (udstedende medlemsstat) / Kød bestemt til forarbejdning til (A-produkter) (B-produkter) (det ikke gældende overstreges) i … (nøjagtig betegnelse for den virksomhed, hvor forarbejdningen sker) / forordning (EF) nr. 412/2008

— *bil-Ġermaniż:* In … (ausstellender Mitgliedstaat) gültige Lizenz / Fleisch für die Verarbeitung zu [A-Erzeugnissen] [B-Erzeugnissen] (Unzutreffendes bitte streichen) in … (genaue Bezeichnung des Betriebs, in dem die Verarbeitung erfolgen soll) / Verordnung (EG) Nr. 412/2008

— *bl-Estonjan:* Litsents on kehtiv … (välja andev liikmesriik) / Liha töötlemiseks … [A toode] [B toode] (kustuta mittevajalik) … (ettevõtte asukoht ja loanumber, kus toimub töötlemine / määrus (EÜ) nr. 412/2008

— *bil-Grieg:* Η άδεια ισχύει … (κράτος μέλος έκδοσης) / Κρέας που προορίζεται για μεταποίηση … [προϊόντα A] [προϊόντα B] (διαγράφεται η περιττή ένδειξη) … (ακριβής περιγραφή και αριθμός έγκρισης της εγκατάστασης όπου πρόκειται να πραγματοποιηθεί η μεταποίηση) / Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 412/2008

— *bl-Ingliż:* Licence valid in … (issuing Member State) / Meat intended for processing … [A-products] [B-products] (delete as appropriate) at … (exact designation and approval No of the establishment where the processing is to take place) / Regulation (EC) No 412/2008

— *bil-Franċiż:* Certificat valable … (État membre émetteur) / viande destinée à la transformation de … [produits A] [produits B] (rayer la mention inutile) dans … (désignation exacte et numéro d'agrément de l'établissement dans lequel la transformation doit avoir lieu) / règlement (CE) nº 412/2008

— *bit-Taljan:* Titolo valido in … (Stato membro di rilascio) / Carni destinate alla trasformazione … [prodotti A] [prodotti B] (depennare la voce inutile) presso … (esatta designazione e numero di riconoscimento dello stabilimento nel quale è prevista la trasformazione) / Regolamento (CE) n. 412/2008

— *bil-Latvjan:* Atļauja derīga … (dalībvalsts, kas izsniedz ievešanas atļauju) / pārstrādei paredzēta gaļa … [A produktu] [B produktu] ražošanai (nevajadzīgo nosvītrot) … (precīzs tā uzņēmuma apzīmējums un apstiprinājuma numurs, kurā notiks pārstrāde) / Regula (EK) Nr. 412/2008

— *bil-Litwan:* Licencija galioja … (išdavusioji valstybė narė) / Mėsa skirta perdirbimui … [produktai A] [produktai B] (ištrinti nereikalingą) … (tikslus įmonės, kurioje bus perdirbama, pavadinimas ir registracijos Nr.) / Reglamentas (EB) Nr. 412/2008

— *bl-Ungeriż:* Az engedély … (kibocsátó tagállam) területén érvényes. / Feldolgozásra szánt hús … [A-termék][Btermék] (a nem kívánt törlendő) … (pontos rendeltetési hely és a feldolgozást végző létesítmény engedélyezési száma) 412/2008/EK rendelet

— *bil-Malti:* Liċenzja valida fi … (Stat Membru tal-ħruġ) / Laħam maħsub għall- ipproċessar … [Prodotti-A] [Prodotti-B] (ħassar skond kif ikun xieraq) fi … (deżinjazzjoni eżatta u Nru. ta' l-istabbiliment fejn se jsir l-ipproċessar) / Ir-Regolament (KE) Nru. 412/2008

— *bl-Olandiż:* Certificaat geldig in … (lidstaat van afgifte) / Vlees bestemd voor verwerking tot [A-producten] [B-producten] (doorhalen wat niet van toepassing is) in … (nauwkeurige aanduiding en toelatingsnummer van het bedrijf waar de verwerking zal plaatsvinden) / Verordening (EG) nr. 412/2008

— *bil-Pollakk:* Pozwolenie ważne w … (wystawiające państwo członkowskie) / Mięso przeznaczone do przetworzenia … [produkty A] [produkty B] (niepotrzebne skreślić) w … (dokładne miejsce przeznaczenia i nr zatwierdzenia zakładu, w którym ma mieć miejsce przetwarzanie) / rozporządzenie (WE) nr 412/2008

— *bil-Portugiż:* Certificado válido em … (Estado-Membro emissor) / carne destinada à transformação … [produtos A] [produtos B] (riscar o que não interessa) em … (designação exacta e número de aprovação do estabelecimento em que a transformação será efectuada) / Regulamento (CE) n.º 412/2008

— *bir-Rumen:* Licență valabilă în … (statul membru emitent) / Carne destinată procesării … [produse-A] [produse-B] (se șterge unde este cazul) la … (desemnarea exactă și nr. de aprobare al stabilimentului unde va avea loc procesarea) / Regulamentul (CE) nr. 412/2008

— *bis-Slovakk:* Licencia platná v … (vydávajúci členský štát) / Mäso určené na spracovanie … [výrobky A] [výrobky B] (nehodiace sa prečiarknite) v … (presné určenie a číslo schválenia zariadenia, v ktorom spracovanie prebehne) / nariadenie (ES) č. 412/2008

— *bis-Sloven:* Dovoljenje velja v … (država članica, ki ga je izdala) / Meso namenjeno predelavi … [proizvodi A] [proizvodi B] (črtaj neustrezno) v … (točno namembno območje in št. odobritve obrata, kjer bo predelava potekala) / Uredba (ES) št. 412/2008

— *bil-Finlandiż:* Todistus on voimassa … (myöntäjäjäsenvaltio) / Liha on tarkoitettu [A-luokan tuotteet] [B-luokan tuotteet] (tarpeeton poistettava) jalostukseen … ssa (tarkka ilmoitus laitoksesta, jossa jalostus suoritetaan, hyväksyntänumero mukaan lukien) / Asetus (EY) N:o 412/2008

— *bl-Iżvediż:* Licensen är giltig i … (utfärdande medlemsstat) / Kött avsett för bearbetning … A-produkter] [B-produkter] (stryk det som inte gäller) vid … (exakt angivelse av och godkännandenummer för anläggningen där bearbetningen skall ske) / Förordning (EG) nr 412/2008"

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2008/56/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### tas-17 ta’ Ġunju 2008

### li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta’ l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [3],

Billi:

(1) L-ilmijiet marini taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni ta’ l-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea jinkludu ilmijiet fil-Baħar Mediterran, fil-Baħar Baltiku, fil-Baħar l-Iswed u fl-Oċean Atlantiku tal-Grigal, inklużi l-ilmijiet ta’ madwar l-Ażores, il-Madeira u l-Gżejjer Kanarji.

(2) Huwa evidenti li l-pressjonijiet fuq riżorsi naturali marini u d-domanda għal servizzi ekoloġiċi marini huma ta’ spiss għoljin wisq u li l-Komunità teħtieġ li tnaqqas l-impatt tagħha fuq l-ilmijiet marini irrispettivament minn fejn iseħħu l-effetti tagħhom.

(3) L-ambjent marin huwa wirt prezzjuż li għandu jiġi protett, ippreservat u, fejn prattikabbli, restawrat bl-għan aħħari li tkun ippreservata l-bijodiversità u mantenuti oċeani u ibħra diversi u dinamiċi li jkunu nodfa, sani u produttivi. F’dak ir-rigward din id-Direttiva għandha, *inter alia*, tippromwovi l-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet ambjentali fl-oqsma ta’ politika kollha rilevanti u tipprovdi s-sinsla ambjentali tal-Politika Marina futura għall-Unjoni Ewropea.

(4) Konformement mad-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Komunità [4], ġiet żviluppata strateġija tematika għall-protezzjoni u l-konservazzjoni ta’ l-ambjent marin bl-għan ġenerali li tippromwovi l-użu sostenibbli ta’ l-ibħra u tikkonserva l-ekosistemi marini.

(5) L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta’ l-istrateġija tematika għandhom ikunu mmirati lejn il-konservazzjoni ta’ l-ekosistemi marini. Dan l-approċċ għandu jinkludi żoni protetti, u għandu jindirizza l-attivitajiet umani kollha li għandhom impatt fuq l-ambjent marin.

(6) L-istabbiliment ta’ żoni marini protetti, inklużi żoni li huma diġà nominati jew li għad iridu jiġu nominati fid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta’ Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (minn hawn ’il quddiem imsejħa d-Direttiva dwar il-*Habitats*) [5], id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta’ April 1979 dwar il-konservazzjoni ta’ l-għasafar selvaġġi (minn hawn ’il quddiem imsejħa d-Direttiva dwar l-Għasafar) [6], u fi ftehim internazzjonali jew reġjonali li għalihom il-Komunità Ewropea jew l-Istati Membri ikunu Partijiet, huwa kontribuzzjoni importanti għall-kisba ta’ status ambjentali tajjeb skond din id-Direttiva.

[1] ĠU C 185, 18.8.2006, p. 20.
[2] ĠU C 206, 29.8.2006, p. 5.
[3] Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta’ l-14 ta’ Novembru 2006 (ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 86), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 2007 (ĠU C 242 E, 16.10.2007, p. 11) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Diċembru 2007 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill ta’ l-14 ta’ Mejju 2008.
[4] ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.
[5] ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/105/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368).
[6] ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/105/KE.

(7) It-twaqqif ta' tali żoni protetti skond din id-Direttiva se jkun pass importanti sabiex jiġu sodisfatti l-impenji assunti matul is-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u fil-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità Bijoloġika, approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KEE ([1]) u se jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' netwerks koerenti u rappreżentattivi ta' tali żoni.

(8) Bl-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema fil-ġestjoni ta' l-attivitajiet tal-bniedem filwaqt li jkun permess l-użu sostenibbli ta' prodotti u servizzi marini, għandha tingħata prijorità lill-kisba jew iż-żamma ta' status ambjentali tajjeb fl-ambjent marin Komunitarju, għall-kontinwazzjoni tal-protezzjoni u tal-preservazzjoni tiegħu, u għall-prevenzjoni ta' deterjorament sussegwenti.

(9) Sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi, huwa meħtieġ qafas legali trasparenti u koerenti. Dan il-qafas għandu jikkontribwixxi għall-koerenza bejn linji politiċi differenti u jħaddan l-integrazzjoni ta' interessi ambjentali f'linji politiċi oħra, bħall-Politika Komuni dwar is-Sajd, il-Politika Agrikola Komuni u linji politiċi Komunitarji rilevanti oħrajn. Il-qafas leġislattiv għandu jipprovdi qafas ġenerali għal azzjoni u jippermetti li din l-azzjoni tkun tista' tittieħed b'mod koordinat, konsistenti u integrat sewwa ma' azzjoni taħt leġislazzjoni Komunitarja oħra u taħt ftehim internazzjonali.

(10) Il-kondizzjonijiet, il-problemi u l-ħtiġijiet diversi tar-Reġjuni Marini jew Sub-Reġjuni varji li jiffurmaw l-ambjent marin fil-Komunità jeħtieġu soluzzjonijiet differenti u speċifiċi. Dik id-diversità għandha titqies fl-istadji kollha tal-preparazzjoni ta' l-istrateġiji marini, iżda speċjalment waqt il-preparazzjoni, l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-miżuri sabiex jintlaħaq status ambjentali tajjeb fl-ambjent marin tal-Komunità fil-livell tar-Reġjuni u Sub-Reġjuni Marini.

(11) Kull Stat Membru għandu għalhekk jiżviluppa Strateġija Marina għall-ilmijiet marini tiegħu li, filwaqt li tkun speċifika għall-ilmijiet tiegħu, tkun tirrifletti l-perspettiva ġenerali tar-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin partikolari. L-Istrateġiji Marini għandhom jirriżultaw fl-eżekuzzjoni ta' programmi ta' miżuri mfassla sabiex jilħqu jew iżommu status ambjentali tajjeb. Madankollu, l-Istati Membri m'għandhomx ikunu meħtieġa jieħdu passi speċjali fejn m'hemm l-ebda riskju sinifikanti għall-ambjent marin, jew fejn l-ispejjeż ikunu sproporzjonati b'kont meħud tar-riskji għall-ambjent marin, sakemm tkun ġustifikata adegwatament kull deċiżjoni sabiex ma tittieħidx azzjoni.

(12) L-ilmijiet kostali, inklużi l-qiegħ tal-baħar u s-*subsoil* tagħhom, huma parti integrali ta' l-ambjent marin, u bħala tali għandhom ikunu koperti minn din id-Direttiva, u dan sa fejn aspetti partikolari ta' l-istatus ambjentali ta' l-ambjent marin mhumiex diġà indirizzati permezz tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għall-azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma ([2]) jew permezz ta' leġiżlazzjoni Komunitarja oħra, sabiex tiġi żgurata l-komplementarjetà filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet mhux meħtieġa.

(13) Minħabba n-natura transkonfinali ta' l-ambjent marin, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw sabiex jiżguraw l-iżvilupp koordinat ta' Strateġiji Marini għal kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin. Billi r-Reġjuni jew Sub-Reġjuni Marini huma kondiviżi kemm ma' Stati Membri oħra kif ukoll ma' pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw koordinazzjoni stretta ma' l-Istati Membri kollha u ma' pajjiżi terzi konċernati. Fejn ikun prattiku u kunsiljabbli, l-istrutturi istituzzjonali eżistenti stabbiliti f'Reġjuni jew Sub-Reġjuni Marini, b'mod partikolari Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali, għandhom jintużaw sabiex jiżguraw tali koordinazzjoni.

(14) L-Istati Membri li għandhom fruntieri fuq l-istess Reġjun jew Sub-Reġjun Marin koperti minn din id-Direttiva, fejn l-istatus tal-baħar hu kritiku sal-punt li tinħtieġ azzjoni urġenti, għandhom ifittxu li jaqblu dwar pjan ta' azzjoni li jinkludi bidu iżjed bikri għall-operazzjoni ta' programmi ta' miżuri. F'tali każijiet, il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna tikkunsidra li tipprovdi azzjoni ta' appoġġ lill-Istati Membri għall-isforzi aktar qawwija tagħhom sabiex itejbu l-ambjent marin billi jagħmlu r-reġjun in kwistjoni proġett ta' sperimentazzjoni.

(15) Mhux l-Istati Membri kollha għandhom ilmijiet marini kif definiti f'din id-Direttiva u, għalhekk, l-effett tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jindirizzaw esklussivament lill-Istati Membri li għandhom ilmijiet marini għandu jkun limitat għal dawk l-Istati Membri.

(16) Ladarba hija indispensabbli azzjoni fil-livell internazzjonali sabiex jinkisbu l-koperazzjoni u l-koordinazzjoni, din id-Direttiva għandha ssaħħaħ aktar il-koerenza tal-kontribut tal-Komunità u ta' l-Istati Membri tagħha taħt ftehim internazzjonali.

([1]) ĠU L 309, 13.12.1993, p. 1.

([2]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2008/32/KE (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 60).

(17) Il-Komunità u l-Istati Membri huma rispettivament Partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea ta' l-UNCLOS u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 relatat ma' l-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha ([1]). Għandu għalhekk jittieħed kont sħiħ f'din id-Direttiva ta' l-obbligi tal-Komunità u ta' l-Istati Membri tagħha taħt dak il-ftehim. Minbarra d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-ambjent marin tal-Partijiet, l-UNCLOS tinkludi obbligi ġenerali sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet taħt il-ġurisdizzjoni jew il-kontroll ta' Parti ma jikkawżawx ħsara lil hinn mill-ilmijiet marini tagħha, u sabiex jiġi evitat li l-ħsara jew il-perikli jiġu ttrasferiti minn zona għall-oħra jew li tip ta' tniġġiż jiġi trasformat f'tip ieħor.

(18) Din id-Direttiva għandha wkoll tappoġġa l-pożizzjoni qawwija meħuda mill-Komunità, fil-kuntest tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, dwar it-twaqqif tat-telfien tal-bijodiversità, l-assigurazzjoni tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina u l-ħolqien ta' network globali ta' żoni marini protetti sa l-2012. Addizzjonalment, hi għandha tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-objettivi tas-Seba' Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li adottat programm elaborat ta' ħidma dwar il-bijodiversità marina u kostali b'numru ta' għanijiet, miri u attivitajiet maħsuba sabiex iwaqqfu t-telfien tal-bijodiversità bijoloġika nazzjonali, reġjonali u globali u sabiex jassiguraw il-kapaċità ta' l-ekosistemi marini li jsostnu l-provvista ta' prodotti u servizzi, u programm ta' ħidma f'żoni protetti bl-objettiv li jitwaqqfu u jinżammu sistemi ekoloġikament rappreżentattivi ta' żoni marini protetti sa l-2012. L-obbligu li l-Istati Membri jagħżlu żoni għan-Natura 2000 skond id-Direttiva dwar l-Għasafar u d-Direttiva dwar il-*Habitats* jagħmel kontribut importanti għal dan il-proċess.

(19) Din id-Direttiva għandha tikkontribwixxi għat-twettiq ta' l-obbligi u ta' l-impenji importanti tal-Komunità u ta' l-Istati Membri skond diversi ftehim internazzjonali rilevanti rigward il-protezzjoni ta' l-ambjent marin mit-tniġġis: il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marin taż-Żona tal-Baħar Baltiku, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/157/KE ([2]), il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marin tal-Grigal ta' l-Atlantiku, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/KE ([3]), inkluż l-Anness V il-ġdid tagħha dwar il-Protezzjoni u l-Konservazzjoni ta' l-Ekosistemi u d-Diversità Bijoloġika taż-Żona Marina u l-Appendiċi 3 korrispondenti, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/340/KE ([4]), u l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marin u ż-Żona Kostali tal-Mediterran, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/585/KEE ([5]), u l-emendi tagħha mill-1995, approvati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/802/KE ([6]), kif ukoll il-Protokoll tagħha dwar il-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-Tniġġis minn Sorsi Bbażati Fuq l-Art, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 83/101/KEE ([7]), u l-emendi tagħha mill-1996, approvati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/801/KE ([8]). Din id-Direttiva għandha tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ ta' l-obbligi ta' l-Istati Membri taħt il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baħar l-Iswed Kontra t-Tniġġis, li permezz tagħha assumew impenji importanti rigward il-protezzjoni ta' l-ambjent marin mit-tniġġis, u li għaliha l-Komunità għadha mhijiex parti, iżda għandha status ta' osservatur.

(20) Huwa meħtieġ li pajjiżi terzi li jkollhom ilmijiet marini f'istess Reġjun jew Sub-Reġjun Marin ma' Stat Membru jiġu mistiedna sabiex jipparteċipaw fil-proċess stabbilit f'din id-Direttiva, sabiex b'hekk jiffaċilitaw il-kisba ta' status ambjentali tajjeb fir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat.

(21) Huwa kruċjali, sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva, li tiġi żgurata l-integrazzjoni ta' objettivi ta' konservazzjoni, ta' miżuri ta' ġestjoni u ta' attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni stabbiliti għal miżuri ta' protezzjoni ta' spazji bħal żoni speċjali ta' konservazzjoni jew żoni marini protetti.

(22) Għandhom jitqiesu wkoll il-bijodiversità u l-potenzjal għal riċerka marina assoċjata ma' ambjenti ta' baħar fond.

(23) Ladarba l-programmi ta' miżuri esegwiti skond l-Istrateġiji Marini ser ikunu effettivi biss jekk ikunu maħsuba fuq il-bażi ta' konoxxenza tajba ta' l-istat ta' l-ambjent marin f'żona partikolari u huma mfassla viċin kemm jista' jkun il-ħtiġijiet ta' l-ilmijiet konċernati fil-każ ta' kull Stat Membru u mill-perspettiva ġenerali tar-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat, huwa meħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet għall-preparazzjoni f'livell nazzjonali ta' qafas adatt, inklużi riċerka marina u operazzjonijiet ta' monitoraġġ, għat-tfassil ta' politika b'mod infurmat. Fil-livell Komunitarju, l-appoġġ għal riċerka assoċjata għandu jkun kontinwament inkluż fil-linji politiċi tar-riċerka u l-iżvilupp. Ir-rikonoxximent ta' kwistjonijiet marini fis-Seba' Programm Kwadru dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp huwa pass importanti f'dik id-direzzjoni.

([1]) ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 73, 16.3.1994, p. 19.
([3]) ĠU L 104, 3.4.1998, p. 1.
([4]) ĠU L 118, 19.5.2000, p. 44.
([5]) ĠU L 240, 19.9.1977, p. 1.
([6]) ĠU L 322, 14.12.1999, p. 32.
([7]) ĠU L 67, 12.3.1983, p. 1.
([8]) ĠU L 322, 14.12.1999, p. 18.

(24) Bħala l-ewwel pass fil-preparazzjoni ta' programmi ta' miżuri, l-Istati Membri li jokkupaw Reġjun jew Sub-Reġjun Marin għandhom jagħmlu analiżi ta' l-aspetti jew tal-karatteristiċi ta', u tal-pressjonijiet u impatti fuq, l-ilmijiet marini tagħhom, b'mod li jidentifikaw il-pressjonijiet u l-impatti predominanti fuq dawk l-ilmijiet, u analiżi ekonomika u soċjali ta' l-użu tagħhom u ta' l-ispiża tad-degradazzjoni ta' l-ambjent marin. Huma jistgħu jużaw valutazzjonijiet li diġà saru fil-kuntest ta' Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali bħala bażi għall-analiżi tagħhom.

(25) Abbażi ta' tali analiżi, l-Istati Membri għandhom imbagħad jiddeterminaw għall-ilmijiet marini tagħhom sett ta' karatteristiċi għal status ambjentali tajjeb. Għal dawn l-għanijiet, huwa kunsiljabbli li ssir dispożizzjoni għall-iżvilupp ta' kriterji u standards metodoloġiċi sabiex tkun żgurata l-konsistenza u sabiex ikun jista' jsir tqabbil bejn ir-Reġjuni jew Sub-Reġjuni Marini sal-punt li fih ikun qed jintlaħaq status ambjentali tajjeb. Dawn għandhom jiġu żviluppati bl-involviment tal-partijiet interessati kollha.

(26) Il-pass li jmiss sabiex jintlaħaq status ambjentali tajjeb għandu jkun li jiġu stabbiliti miri ambjentali u programmi ta' monitoraġġ għal valutazzjoni kontinwa, li jippermettu li l-istat ta' l-ilmijiet marini konċernati jiġi evalwat fuq bażi regolari.

(27) L-Istati Membri għandhom imbagħad jistabbilixxu u jimplimentaw programmi ta' miżuri maħsuba sabiex jilħqu jew iżommu status ambjentali tajjeb fl-ilmijiet konċernati, filwaqt li jakkomodaw ir-rekwiżiti Komunitarji u internazzjonali eżistenti u l-ħtiġijiet tar-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat. Dawk il-miżuri għandhom jiġu mfassla fuq il-bażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni u l-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni ta' prevenzjoni, li l-ħsara ambjentali għandha, bħala prijorità, tiġi rimedjata fil-post minn fejn tkun ġejja, u li min iniġġes għandu jħallas.

(28) Huwa kunsiljabbli li l-Istati Membri jieħdu l-passi msemmija hawn fuq, fid-dawl tal-preċiżjoni meħtieġa fl-attenzjoni li tingħata. Sabiex tkun żgurata l-koeżjoni ta' l-azzjoni fil-Komunità kollha u fir-rigward ta' l-impenji fil-livell globali, huwa essenzjali li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-passi meħudin, sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tivvaluta l-koerenza ta' l-azzjoni mal-firxa tar-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat u tipprovdi gwida dwar modifiki neċessarji possibbli kif meħtieġ.

(29) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiksbu jew iżommu status ambjentali tajjeb fl-ambjent marin. Madankollu, għandu jkun rikonoxxut li l-kisba jew iż-żamma ta' status ambjentali tajjeb f'kull aspett jistgħu ma jkunux possibbli fl-ilmijiet marini kollha sa l-2020. Għaldaqstant, għall-finijiet ta' ġustizzja u fattibbiltà, huwa kunsiljabbli li jkun hemm provvediment għall-każijiet fejn ikun impossibbli għal Stat Membru li jilħaq il-livell ta' ambizzjoni tal-miri ambjentali stabbiliti jew li jikseb jew iżomm status ambjentali tajjeb.

(30) F'dak il-kuntest huwa meħtieġ li ssir dispożizzjoni għal żewġ każijiet speċjali. L-ewwel każ speċjali jirriferi għal sitwazzjoni fejn ikun impossibbli għal Stat Membru li jilħaq il-miri ambjentali tiegħu minħabba azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni li l-Istat Membru konċernat ma jkunx risponsabbli għalihom, jew minħabba kawżi naturali jew force majeure, jew minħabba azzjonijiet li dak l-Istat Membru jkun ħa hu stess għal raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku li jissuperaw l-impatt negattiv fuq l-ambjent, jew minħabba li l-kondizzjonijiet naturali ma jippermettux titjib f'waqtu fl-istatus ta' l-ilmijiet marini. L-Istat Membru konċernat għandu jissostanzja għaliex huwa jikkunsidra li nqala' tali każ speċjali u jidentifika ż-żona konċernata, u għandu jieħu miżuri ad hoc adegwati bl-għan li jkompli jsegwi l-miri ambjentali,li jipprevjeni deterjorament ulterjuri fl-istatus ta' l-ilmijiet marini milqutin uli jtaffi l-impatt avvers fuq ir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat.

(31) It-tieni każ speċjali jirriferi għal sitwazzjoni fejn Stat Membru jidentifika kwistjoni li jkollha impatt fuq l-istatus ambjentali ta' l-ilmijiet marini tiegħu, forsi anke tar-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat kollu, iżda li ma tistax tiġi solvuta b'miżuri meħuda fil-livell nazzjonali jew li tkun marbuta ma' xi politika Komunitarja oħra jew ma' ftehim internazzjonali. F'tali każ, għandhom isiru arranġamenti sabiex il-Kummissjoni tiġi infurmata b'dan fil-qafas tan-notifika ta' programmi ta' miżuri u, fejn tkun meħtieġa azzjoni Komunitarja, sabiex isiru rakkomandazzjonijiet meħtieġa lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

(32) Madankollu, huwa meħtieġ li l-flessibbiltà introdotta għall-każijiet speċjali tkun suġġetta għal kontroll fil-livell Komunitarju. Rigward l-ewwel każ speċjali, huwa għalhekk kunsiljabbli li, tingħata l-attenzjoni dovuta lill-effikaċja ta' kwalunkwe miżura *ad hoc* meħuda. Barra dan, f'każijiet fejn l-Istat Membru jirriferi għal azzjoni meħuda għal raġunijiet prevalenti fl-interess pubbliku, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk xi modifiki jew alterazzjonijiet li jsiru lill-ambjent marin bħala konsegwenza ma tipprekludix jew tikkomprometti b'mod permanenti l-kisba ta' status ambjentali tajjeb fir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat jew fl-ilmijiet marini ta' Stati Membri oħrajn. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida dwar modifiki neċessarji possibbli jekk hija tqis li l-miżuri previsti mhumiex suffiċjenti jew adattati sabiex jiżguraw koerenza ta' azzjoni mal-firxa tar-Reġjun jew Sub-Reġjun konċernat.

(33) Rigward it-tieni każ speċjali, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-kwistjoni u tirrispondi f'perijodu ta' sitt xhur. Il-Kummissjoni għandha tirrifletti, skond kif ikun meħtieġ, rakkomandazzjonijiet ta' l-Istat Membru konċernat meta tippreżenta proposti relatati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(34) Fid-dawl tan-natura dinamika ta' l-ekosistemi marini u tal-varjabbiltà naturali tagħhom, u fid-dawl tal-pressjonijiet u l-impatti fuqhom jistgħu jvarjaw bl-evoluzzjoni ta' tipi differenti ta' attività umana u bl-impatt tat-tibdil fil-klima, huwa essenzjali li jingħaraf li d-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb tista' jkollha tiġi adattata maż-żmien. B'hekk, huwa kunsiljabbli li l-programmi ta' miżuri għall-protezzjoni u l-ġestjoni ta' l-ambjent marin jkunu flessibbli u adattabbli u jieħdu kont ta' żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet għall-aġġornament ta' l-Istrateġiji Marini fuq bażi regolari.

(35) Huwa meħtieġ ukoll li jsiru dispożizzjonijiet għall-pubblikazzjoni ta' programmi ta' miżuri u ta' l-aġġornamenti tagħhom, u għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' rapporti *interim* li jiddeskrivu l-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi.

(36) Sabiex jiġi żgurat l-involviment attiv tal-pubbliku ġenerali fl-istabbiliment, fl-implimentazzjoni u l-aġġornament ta' l-Istrateġiji Marini, għandu jsir provvediment għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni pubblika adegwata dwar l-elementi differenti ta' l-Istrateġiji Marini, jew dwar l-aġġornamenti relatati tagħhom, kif ukoll, meta tintalab, informazzjoni rilevanti użata għall-iżvilupp ta' l-Istrateġiji Marini skond il-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni ambjentali.

(37) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien sentejn minn meta tirċievi l-programmi ta' miżuri kollha u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mill-2019. Għandhom jiġu ppubblikati rapporti sussegwenti tal-Kummissjoni kull sitt snin minn dakinhar 'il quddiem.

(38) Għandu jsir provvediment għall-adozzjoni ta' standards metodoloġiċi għall-valutazzjoni ta' l-istatus ta' l-ambjent marin, tal-monitoraġġ, tal-miri ambjentali u ta' l-adozzjoni ta' formati tekniċi għall-finijiet ta' trasmissjoni u pproċessar ta' data skond id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) ([1]).

([1]) ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.

(39) Huwa meħtieġ li l-miżuri li jirregolaw il-ġestjoni tas-sajd ikunu jistgħu jittieħdu fil-kuntest tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([2]), ibbażati fuq pariri xjentifiċi, sabiex jiġi appoġġat it-twettiq ta' l-objettivi indirizzati minn din id-Direttiva, inkluż l-għeluq totali ta' ċerti żoni għas-sajd sabiex ikun permess li l-integrità, l-istruttura u l-funzjonament ta' l-ekosistemi jinżammu jew jiġu rkuprati u, fejn hu xieraq, sabiex jiġu ssalvagwardjati, inter alia, il-postijiet fejn ibid, jitrabba u jiekol il-ħut. L-Artikoli 30 u 31 tat-Trattat Euratom jirregolaw l-iskarigi u l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-użu ta' materjal radjuattiv u għalhekk din id-Direttiva ma għandhiex tindirizzahom.

(40) Il-Politika Komuni tas-Sajd inkluż fir-riforma futura, għandha tikkunsidra l-impatti ambjentali tas-sajd u l-objettivi ta' din id-Direttiva.

(41) Fil-każ li l-Istati Membri jikkunsidraw li tkun meħtieġa azzjoni fl-oqsma msemmija hawn fuq jew f'oqsma oħra marbuta ma' xi politika Komunitarja oħra jew ma' ftehim internazzjonali, huma għandhom jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa għal azzjoni Komunitarja.

(42) It-tħassib serju ambjentali, b'mod partikolari dak ikkawżat mill-bidla fil-klima, relatat ma' l-ilmijiet Artiċi, li huma ambjent marin ġar ta' importanza partikolari għall-Komunità, jeħtieġ li jiġi evalwat mill-istituzzjonijiet Komunitarji u jista' jkun li jitlob azzjoni sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ambjentali ta' l-Artiku.

(43) Ladarba l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' l-ambjent marin, il-prevenzjoni tad-deterjorament tiegħu u fejn applikabbli r-restawr ta' dak l-ambjent f'żoni fejn ġie milqut ħażin, ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tad-Direttiva, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(44) Il-programmi ta' miżuri u l-azzjoni sussegwenti mill-Istati Membri għandhom ikunu bbażati fuq approċċ ibbażat fuq il-konsiderazzjoni ta' l-ekosistema għall-ġestjoni ta' l-attivitajiet umani u fuq il-prinċipji msemmija fl-Artikolu 174 tat-Trattat, b'mod partikolari l-prinċipju ta' prekawzjoni.

([2]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).

(45) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u tosserva l-prinċipji, rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 37 tagħha li huwa maħsub sabiex jippromwovi l-integrazzjoni fil-linji politiċi ta' l-Unjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u ta' titjib fil-kwalità ambjentali konformement mal-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli.

(46) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([2]).

(47) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tadatta l-Annessi III, IV u V ta' din id-Direttiva għall-progress xjentifiku u tekniku. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(48) Il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa sabiex tistabbilixxi kriterji u standards metodoloġiċi sabiex jintużaw mill-Istati Membri u sabiex tadotta speċifikazzjonijiet u metodi standardizzati għall-monitoraġġ u valutazzjoni. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla sabiex jissupplimentaw din id-Direttiva biżżieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li fih l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiksbu jew iżommu status ambjentali tajjeb fl-ambjent marin sa mhux aktar tard mis-sena 2020.

2. Għal dak il-għan, l-Istrateġiji Marini għandhom jiġu żviluppati u implimentati sabiex:

(a) jiġi protett u ppreservat l-ambjent marin, jiġi pprevenut id-deterjorament tiegħu jew, fejn ikun prattikabbli, jiġu rkuprati l-ekosistemi marini f'żoni fejn ġew milquta b'mod ħażin;

(b) jiġu pprevenuti u mnaqqsa l-inputs fl-ambjent marin, bil-għan li jiġi gradwalment eliminat it-tniġġis kif definit fl-Artikolu 3(8), sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda impatti sinifikanti fuq, jew riskji għal, il-bijodiversità marina, l-ekosistemi marini, is-saħħa umana jew l-użi leġittimi tal-baħar.

3. L-Istrateġiji Marini għandhom japplikaw approċċ ibbażat fuq il-konsiderazzjoni ta' l-ekosistema għall-ġestjoni ta' l-attivitajiet tal-bniedem, b'mod li jiżguraw li l-pressjoni kollettiva ta' tali attivitajiet tinżamm f'livelli kompatibbli mal-kisba ta' status ambjentali tajjeb u li l-kapaċità ta' l-ekosistemi marini li jirrispondu għal bidliet ikkawżati mill-bniedem ma tiġix kompromessa, filwaqt li jippermettu l-użu sostenibbli ta' prodotti u servizzi marini minn ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

4. Din id-Direttiva għandha tikkontribwixxi għall-koerenza bejn, u jkollha l-għan li tiżgura l-integrazzjoni ta' interessi ambjentali fil-linji politiċi, fi ftehim u f'miżuri leġislattivi differenti li jkollhom impatt fuq l-ambjent marin.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-ilmijiet marini kollha kif definiti fl-Artikolu 3(1), u għandha tqis l-effetti transkonfinali fuq il-kwalità ta' l-ambjent marin ta' pajjiżi terzi fl-istess Reġjun jew Sub-Reġjun Marin.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal attivitajiet li l-uniku fini tagħhom hu d-difiża jew is-sigurtà nazzjonali. L-Istati Membri għandhom, madankollu, ifittxu li jiżguraw li tali attivitajiet jitwettqu b'mod li jkun kompatibbli, safejn hu raġonevoli u prattikabbli, ma' l-objettivi ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "ilmijiet marini" tfisser:

(a) ilmijiet, il-qiegħ tal-baħar u s-*subsoil* tan-naħa tal-baħar tal-linja bażi minn fejn il-medda ta' l-ilmijiet territorjali hija mkejla li testendi sat-tarf nett taż-żona fejn Stat Membru ikollu u/jew jeżerċita drittijiet ta' ġurisdizzjoni, skond l-UNCLOS, bl-eċċezzjoni ta' ilmijiet li jmissu mat-territorji u territorji msemmija fl-Anness II mat-Trattat u mad-Dipartimenti u Kollettivitajiet Esteri Franċiżi; u

([1]) ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(b) ilmijiet kostali kif definiti mid-Direttiva 2000/60/KE, il-qiegħ tal-baħar u s-*subsoil* tagħhom, sa fejn aspetti partikolari ta' l-istatus ambjentali ta' l-ambjent marin ma jkunux diġà indirizzati permezz ta' dik id-Direttiva jew leġiżlazzjoni Komunitarja oħra;

2. "Reġjun Marin" tfisser reġjun tal-baħar li huwa identifikat taħt l-Artikolu 4. Ir-Reġjuni Marini u s-Sub-Reġjuni tagħhom huma nominati għall-fini tal-faċilitazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u huma ddeterminati b'kont meħud tal-karatteristiċi idroloġiċi, oċeanografiċi u bijoġeografiċi;

3. "Strateġija Marina" tfisser l-Istrateġija li għandha tiġi żviluppata u implimentata fir-rigward ta' kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat kif stabbilit fl-Artikolu 5;

4. "status ambjentali" tfisser l-istat ġenerali ta' l-ambjent fl-ilmijiet marini, b'kont meħud ta' l-istruttura, tal-funzjoni u tal-proċessi ta' l-ekosistemi marini kostitwenti flimkien mal-fatturi naturali fisjografiċi, ġeografiċi, bijoloġiċi, ġeoloġiċi u klimatiċi, kif ukoll il-kondizzjonijiet fiżiċi, akustiċi u kimiċi inklużi dawk li jirriżultaw minn attivitajiet tal-bniedem ġewwa jew barra ż-żona konċernata;

5. "status ambjentali tajjeb" tfisser l-istatus ambjentali ta' ilmijiet marini fejn dawn jikkostitwixxu oċeani u ilmijiet ekoloġikament diversi u dinamiċi li jkunu nodfa, b'saħħithom u produttivi fil-kondizzjonijiet intrinsiċi tagħhom, u fejn l-użu ta' l-ambjent marin huwa f'livell li jkun sostenibbli, u li b'hekk jissalvagwardja l-potenzjal għall-użi u attivitajiet minn ġenerazzjonijiet attwali u futuri, jiġifieri:

(a) l-istruttura, il-funzjonijiet u l-proċessi ta' l-ekosistemi marini kostitwenti, flimkien mal-fatturi assoċjati fisjografiċi, ġeografiċi, ġeoloġiċi u klimatiċi, jippermettu dawk l-ekosistemi sabiex jiffunzjonaw bis-sħiħ u sabiex iżommu r-reżiljenza tagħhom għall-bidliet ambjentali kkaġunati mill-bniedem. L-ispeċijiet u l-*habitats* marini ikunu protetti, it-tnaqqis tal-bijodiversità kkaġunat mill-bniedem ikun impedit u komponenti bijoloġiċi differenti jiffunzjonaw f'armonija;

(b) il-proprjetajiet idro-morfoloġiċi, fiżiċi u kimiċi, ta' l-ekosistemi, inklużi dawk il-proprjetajiet li jirriżultaw minn attivitajiet tal-bniedem fiż-żona konċernata, jappoġġaw l-ekosistemi kif deskritt hawn fuq. L-inputs antropoġeniċi ta' sustanzi u enerġija, inkluż l-istorbju, fl-ambjent marin ma jikkaġunawx effetti ta' tniġġis.

L-istatus ambjentali tajjeb għandu jiġi determinat fil-livell tar-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin kif imsemmi fl-Artikolu 4, abbażi tad-deskritturi kwalitattivi ġeneriċi fl-Anness I. Għandha tiġi applikata ġestjoni li tadatta abbażi ta' l-approċċ favur l-ekosistema sabiex jinkiseb status ambjentali tajjeb;

6. "kriterji" tfisser karatteristiċi tekniċi distintivi li huma marbutin mill-qrib ma' deskritturi kwalitattivi;

7. "mira ambjentali" tfisser dikjarazzjoni kwalitattiva jew kwantitattiva dwar il-kondizzjoni mixtieqa tal-komponenti differenti ta' l-ilmijiet marini fir-rigward ta' kull Reġjun jew Sub-Reġjun, u tal-pressjonijiet u l-impatti fuqhom. Il-miri ambjentali huma stabbiliti skond l-Artikolu 10;

8. "tniġġis" tfisser introduzzjoni diretta jew indiretta fl-ambjent marin, kaġun ta' attività tal-bniedem, ta' sustanzi jew ta' enerġija, inkluż storbju taħt il-baħar ikkawżat mill-bniedem, li jirriżulta jew x'aktarx jirriżulta f'effetti detrimentali bħal ħsara lir-riżorsi ħajjin u l-ekosistemi marini, inkluż it-telf tal-bijodiversità, perikli għas-saħħa tal-bniedem, tfixkil ta' attivitajiet marini, inklużi s-sajd, it-turiżmu u r-rekreazzjoni u użu leġittimu ieħor tal-baħar, ħsara fil-kwalità ta' l-użu ta' l-ilma baħar u tnaqqis ta' amenitajiet jew, b'mod ġenerali, ħsara lill-użu sostennibbli ta' prodotti jew servizzi marini;

9. "koperazzjoni reġjonali" tfisser koperazzjoni u koordinazzjoni ta' attivitajiet bejn Stati Membri u, kull meta possibbli, pajjiżi terzi li jikkondividu l-istess Reġjun jew Sub-Reġjun Marin, bil-fini li jiġu żviluppati u implimentati Strateġiji Marini;

10. "Konvenzjoni dwar Baħar Reġjonali" tfisser kwalunkwe mill-konvenzjonijiet internazzjonali jew ftehim internazzjonali flimkien mal-korpi governattivi tagħhom stabbiliti bil-fini li jiġi protett l-ambjent marin tar-Reġjuni Marini imsemmijin fl-Artikolu 4, bħall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marin tal-Baħar Baltiku, il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marin ta' l-Atlantiku tal-Grigal u l-Konvenzjoni dwar l-Ambjent Marin u r-Reġjun Kostali tal-Baħar tal-Mediterran.

*Artikolu 4*

**Reġjuni u Sub-Reġjuni Marini**

1. L-Istati Membri għandhom, fl-implimentazzjoni ta' l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva, jieħdu kont tal-fatt li l-ilmijiet marini koperti mis-sovranità u l-ġurisdizzjoni tagħhom jifformaw parti integrali mir-Reġjuni Marini li ġejjin:

(a) il-Baħar Baltiku;

(b) l-Oċean Atlantiku tal-Grigal;

(ċ) il-Baħar Mediterran;

(d) il-Baħar l-Iswed.

2. L-Istati Membri jistgħu, sabiex jieħdu kont ta' l-ispeċifiċitajiet ta' żona partikolari, jimplimentaw din id-Direttiva b'referenza għas-subdiviżjonijiet fil-livell adatt ta' l-ilmijiet marini msemmijin fil-paragrafu 1, sakemm tali subdiviżjonijiet ikunu delimitati b'mod kompatibbli mas-Sub-Reġjuni Marini li ġejjin:

(a) fl-Oċean Atlantiku tal-Grigal:

(i) il-Baħar tat-Tramuntana l-Kbir, inklużi l-Kattegat u l-Kanal Ingliż;

(ii) l-Ilmijiet Ċeltiċi;

(iii) il-Bajja ta' Biskajja u l-Kosta ta' l-Iberja;

(iv) fl-Oċean Atlantiku, ir-reġjun bijo-ġeografiku Makaroneżjan, li jikkonsisti mill-ilmijiet ta' madwar l-Ażores, il-Madeira u l-Gżejjer Kanarji;

(b) fil-Baħar Mediterran:

(i) il-Baħar Mediterran tal-Punent;

(ii) il-Baħar Adrijatiku;

(iii) il-Baħar Jonju u l-Baħar Mediterran Ċentrali;

(iv) il-Baħar Eġew u tal-Lvant.

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe subdiviżjoni sad-data speċifikata fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 26(1) iżda jistgħu jirriveduhom hekk kif titlesta l-ewwel valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2), punt (a)(i).

*Artikolu 5*

**Strateġiji Marini**

1. Kull Stat Membru għandu, fir-rigward ta' kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat, jiżviluppa Strateġija Marina għall-ilmijiet marini tiegħu skond il-pjan ta' azzjoni stabbilit fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2.

2. L-Istati Membri li jikkondividu Reġjun jew Sub-Reġjun Marin għandhom jikkoperaw sabiex jiżguraw li, f'kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin, il-miżuri li jkunu meħtieġa sabiex jinkisbu l-objettivi ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l-elementi differenti ta' l-Istrateġiji Marini msemmijin fil-punti (a) u (b), ikunu koerenti u kkoordinati fir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin kollu kkonċernat, konformement mal-pjan ta' azzjoni li ġej li fir-rigward tiegħu l-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħmlu li jistgħu sabiex isegwu approċċ komuni:

(a) preparazzjoni:

(i) valutazzjoni inizjali, li għandha titlesta sal-15 ta' Lulju 2012, ta' l-istatus ambjentali attwali ta' l-ilmijiet konċernati u ta' l-impatt ambjentali ta' l-attivitajiet tal-bniedem fuq dan, skond l-Artikolu 8;

(ii) determinazzjoni, li għandha tiġi stabbilita sal-15 ta' Lulju 2012, ta' status ambjentali tajjeb għall-ilmijiet konċernati, skond l-Artikolu 9(1);

(iii) l-istabbiliment, sal-15 ta' Lulju 2012, ta' serje ta' miri ambjentali u ta' indikaturi assoċjati, skond l-Artikolu 10(1);

(iv) l-istabbiliment u l-implimentazzjoni, sal-15 ta' Lulju 2014, ħlief fejn ikun diversament speċifikat fil-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti, ta' programm ta' monitoraġġ għall-valutazzjoni kontinwa u għall-aġġornamenti regolari tal-miri, skond l-Artikolu 11(1).

(b) programmi ta' miżuri:

(i) l-iżvilupp, sa mhux aktar tard mill-2015, ta' programm ta' miżuri maħsub sabiex jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb, skond l-Artikoli 13(1), (2) u (3);

(ii) il-bidu ta' l-operazzjoni tal-programm previst fil-punt (i), sa mhux aktar tard mill-2016, skond l-Artikolu 13(10).

3. L-Istati Membri li għandhom fruntieri fuq l-istess Reġjun jew Sub-Reġjun Marin koperti minn din id-Direttiva huma esortati, fejn l-istatus tal-baħar ikun tant kritiku li jkun jeħtieġ azzjoni urġenti, li jfasslu pjan ta' azzjoni skond il-paragrafu 1, li jinkludi bidu iżjed bikri għall-operazzjoni ta' programmi ta' miżuri kif ukoll miżuri protettivi aktar stretti li jkunu possibbli, sakemm dan ma jipprevenix li jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb f'Reġjun jew Sub-Reġjun Marin ieħor. F'dawn il-każijiet:

(a) l-Istati Membri konċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-iskeda ta' żmien riveduta tagħhom u jipproċedu skond il-każ;

(b) il-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna tikkunsidra li tipprovdi azzjoni ta' appoġġ lill-Istati Membri għall-isforzi msaħħa tagħhom sabiex itejbu l-ambjent marin billi jagħmlu r-reġjun in kwistjoni proġett ta' sperimentazzjoni.

*Artikolu 6*

**Koperazzjoni reġjonali**

1. Sabiex tinkiseb il-koordinazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2), l-Istati Membri għandhom, fejn ikun prattiku u kunsiljabbli, jużaw strutturi reġjonali ta' koperazzjoni istituzzjonali, inkluż dawk taħt il-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali, li jkopru dak ir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin.

2. Għall-fini ta' l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġiji Marini, l-Istati Membri għandhom, f'kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin, jagħmlu kull sforz, bl-użu tal-fora internazzjonali rilevanti, inklużi mekkaniżmi u strutturi ta' Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali, sabiex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi li jkollhom sovranità jew ġurisdizzjoni fuq l-ilmijiet fl-istess Reġjun jew Sub-Reġjun Marin.

F'dak il-kuntest, l-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli, jibnu fuq programmi u attivitajiet eżistenti rilevanti żviluppati fil-qafas ta' strutturi stabbiliti taħt ftehim internazzjonali bħall-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali.

Il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni għandhom jiġu estiżi, fejn kunsiljabbli, għall-Istati Membri kollha fiż-żona ta' lqugħ ta' ilma ta' Reġjun jew Sub-Reġjun Marin, inklużi l-pajjiżi mdawra bl-art, sabiex jippermettu lill-Istati Membri fi ħdan dak ir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin jwettqu l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva, bl-użu ta' strutturi ta' koperazzjoni stabbiliti li huma preskritti f'din id-Direttiva jew fid-Direttiva 2000/60/KE.

*Artikolu 7*

**Awtoritajiet kompetenti**

1. L-Istati Membri għandhom, sal-15 ta' Lulju 2010, għal kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat, jaħtru l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' l-ilmijiet marini tagħhom.

Sal-15 ta' Jannar 2011, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni lista ta' l-awtoritajiet kompetenti maħtura, flimkien ma' l-elementi ta' informazzjoni elenkati fl-Anness II.

Fl-istess waqt, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni lista ta' l-awtoritajiet kompetenti tagħhom fir-rigward ta' dawk il-korpi internazzjonali li fihom huma jipparteċipaw u li huma rilevanti għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri fiż-żona ta' lqugħ ta' ilma ta' kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin għandhom ukoll jaħtru l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti għall-koperazzjoni u koordinazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6.

2. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni pprovduta konformement mal-paragrafu 1 sa sitt xhur minn meta tali bidla tidħol fis-seħħ.

KAPITOLU II

**STRATEĠIJI MARINI: PREPARAZZJONI**

*Artikolu 8*

**Valutazzjoni**

1. Fir-rigward ta' kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin, l-Istati Membri għandhom jagħmlu valutazzjoni inizjali ta' l-ilmijiet marini tagħhom, b'kont meħud ta' *data* eżistenti fejn disponibbli u li tkopri li ġej:

(a) analiżi ta' l-aspetti u tal-karatteristiċi essenzjali u ta' l-istatus ambjentali attwali ta' dawk l-ilmijiet, ibbażata fuq il-listi indikattivi ta' elementi stabbiliti fit-Tabella 1 ta' l-Anness III, u li tkopri l-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi, it-tipi ta' habitats, il-karatteristiċi bijoloġiċi u l-idromorfoloġija;

(b) analiżi tal-pressjonijiet u l-impatti predominanti, inklużi dawk li jirriżultaw mill-attività tal-bniedem, dwar l-istatus ambjentali ta' dawk l-ilmijiet li:

(i) tkun ibbażata fuq il-listi indikattivi ta' l-elementi stabbiliti fit-Tabella 2 ta' l-Anness III, u li tkopri t-taħlita kwalitattiva u kwantitattiva tal-pressjonijiet varji, kif ukoll ix-xejriet perċettibbli;

(ii) tkopri l-effetti kumulattivi u sinerġetiċi ewlenin; u

(iii) tieħu kont ta' l-evalwazzjonijiet rilevanti li ġew imfassla skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti;

(ċ) analiżi ekonomika u soċjali ta' l-użu ta' dawk l-ilmijiet marini u ta' l-ispiża tad-degradazzjoni ta' l-ambjent marin.

2. L-analiżi msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jieħdu kont ta' l-elementi li jirrigwardaw ilmijiet kostali, transizzjonali u territorjali koperti mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' legislazzjoni Komunitarja eżistenti, b'mod partikolari tad-Direttiva 2000/60/KE. Huma għandhom ukoll jieħdu kont ta', jew jużaw bħala l-bażi tagħhom, valutazzjonijiet rilevanti oħra bħal dawk imwettqa b'mod konġunt fil-kuntest tal-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali sabiex jipproduċu valutazzjoni komprensiva ta' l-istatus ta' l-ambjent marin.

3. Fit-tħejjija ta' l-evalwazzjonijiet skond il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom, permezz tal-koordinazzjoni stabbilita skond l-Artikoli 5 u 6, jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw li:

(a) il-metodoloġiji ta' l-evalwazzjoni jkunu konsistenti fir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin kollu;

(b) jitqiesu l-impatti transkonfinali u l-karatteristiċi transkonfinali.

*Artikolu 9*

**Determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb**

1. B'referenza għall-valutazzjoni inizjali magħmula skond l-Artikolu 8(1), l-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat, jiddeterminaw, għall-ilmijiet marini, sett ta' karatteristiċi għal status ambjentali tajjeb, abbażi tad-deskritturi kwalitattivi elenkati fl-Anness I.

L-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-listi indikattivi ta' elementi stabbiliti fit-Tabella 1 ta' l-Anness III u, b'mod partikolari, tal-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi, tat-tipi ta' habitats, tal-karatteristiċi bijoloġiċi, u ta' l-idromorfoloġija.

L-Istati Membri għandhom jieħdu kont ukoll tal-pressjonijiet jew l-impatti ta' l-attivitajiet umani f'kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin, filwaqt li jqisu l-listi indikattivi stabbiliti fit-Tabella 2 ta' l-Anness III.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-valutazzjoni magħmula skond l-Artikolu 8(1) u bid-determinazzjoni magħmula skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fi żmien tliet xhur minn din ta' l-aħħar.

3. Il-kriterji u l-istandards metodoloġiċi li għandhom jintużaw mill-Istati Membri, li huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu stabbiliti, abbażi ta' l-Annessi I u III, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3) sal-15 ta' Lulju 2010 b'tali mod sabiex jiżguraw konsistenza u sabiex jippermettu għal tqabbil bejn ir-Reġjuni jew Sub-Reġjuni Marini fir-rigward ta' kemm ikun qed jintlaħaq status ambjentali tajjeb. Qabel tipproponi tali kriterji u standards il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet kollha interessati, inklużi l-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali.

*Artikolu 10*

**Stabbiliment ta' miri ambjentali**

1. Abbażi tal-valutazzjoni inizjali magħmula skond l-Artikolu 8(1), l-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin, jistabbilixxu sett komprensiv ta' miri ambjentali u indikaturi assoċjati għall-ilmijiet marini tagħhom sabiex jiggwidaw il-progress lejn il-ksib ta' status ambjentali tajjeb fl-ambjent marin, b'kont meħud tal-listi indikattivi ta' pressjonijiet u impatti stabbiliti fit-Tabella 2 ta' l-Anness III, u ta' karatteristiċi stabbiliti fl-Anness IV.

Fit-tfassil ta' dawk il-miri u indikaturi, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont ta' l-applikazzjoni kontinwa ta' miri ambjentali eżistenti rilevanti, stabbiliti fil-livell nazzjonali, Komunitarju jew internazzjonali fir-rigward ta' l-istess ilmijiet, waqt li jiżguraw li dawn il-miri jkunu reċiprokament kompatibbli u li l-impatti transkonfinali u l-karatteristiċi transkonfinali jiġu meqjusa wkoll sa fejn hu possibbli.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miri ambjentali fi żmien tliet xhur mill-istabbiliment tagħhom.

*Artikolu 11*

**Programmi ta' monitoraġġ**

1. Abbażi tal-valutazzjoni inizjali magħmula skond l-Artikolu 8(1), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw programmi koordinati ta' monitoraġġ għall-valutazzjoni kontinwa ta' l-istatus ambjentali ta' l-ilmijiet marini tagħhom abbażi tal-lista indikattiva ta' elementi stabbiliti fl-Anness III u tal-lista stabbilita fl-Anness V, u b'referenza għall-miri ambjentali stabbiliti skond l-Artikolu 10.

Il-programmi ta' monitoraġġ għandhom ikunu kompatibbli fir-Reġjuni jew Sotto-Reġjuni Marini u għandhom jibnu fuq, u jkunu kompatibbli ma', dispożizzjonijiet rilevanti għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ stipulati bil-leġislazzjoni Komunitarja, inklużi d-Direttivi dwar il-Habitats u l-Għasafar, jew taħt ftehim internazzjonali.

2. Stati Membri li jikkondividu Reġjun jew Sub-Reġjun Marin għandhom ifasslu programmi ta' monitoraġġ skond il-paragrafu 1 u għandhom, fl-interess tal-koerenza u tal-koordinazzjoni, jagħmlu li jistgħu sabiex jiżguraw li:

(a) il-metodi tal-monitoraġġ ikunu konsistenti fir-Reġjun jew Sub-Reġjun kollu b'tali mod li tiġi faċilitata l-komparabbiltà tar-riżultati tal-monitoraġġ;

(b) jitqiesu l-impatti transkonfinali u l-karatteristiċi transkonfinali rilevanti.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-programmi ta' monitoraġġ fi żmien tliet xhur mill-istabbiliment tagħhom.

4. Għandhom jiġu adottati speċifikazzjonijiet u metodi standardizzati għall-monitoraġġ u għall-valutazzjoni li jieħdu kont ta' l-impenji eżistenti u li jiżguraw komparabbiltà bejn riżultati ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni u li jkunu mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmi fl-Artikolu 25(3).

*Artikolu 12*

**Notifiki u evalwazzjoni tal-Kummissjoni**

Abbażi tan-notifiki magħmulin skond l-Artikoli 9(2), 10(2) u 11(3) fir-rigward ta' kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin, il-Kummissjoni għandha tevalwa, fil-każ ta' kull Stat Membru, jekk l-elementi notifikati jikkostitwixxux qafas adegwat li jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat sabiex jipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tkun disponibbli u meħtieġa.

Fit-tfassil ta' dawk il-valutazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-koerenza ta' l-oqfsa fir-Reġjuni jew Sub-Reġjuni Marini differenti u mal-Komunità kollha.

Fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi dawk in-notifiki kollha, il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar jekk, fl-opinjoni tagħha, l-elementi notifikati humiex konsistenti ma' din id-Direttiva u tipprovdi gwida dwar kwalunkwe modifiki li tqis li huma meħtieġa.

KAPITOLU III

**STRATEĠIJI MARINI: PROGRAMMI TA' MIŻURI**

*Artikolu 13*

**Programmi ta' miżuri**

1. L-Istati Membri għandhom, fir-rigward ta' kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat, jidentifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb, kif determinat skond l-Artikolu 9(1), fl-ilmijiet marini tagħhom.

Dawk il-miżuri għandhom jitfasslu abbażi tal-valutazzjoni inizjali magħmula skond l-Artikolu 8(1) u b'referenza għall-miri ambjentali stabbiliti skond l-Artikolu 10(1), u b'konsiderazzjoni tat-tipi ta' miżuri elenkati fl-Anness VI.

2. L-Istati Membri għandhom jintegraw il-miżuri mfassla skond il-paragrafu 1 fi programm ta' miżuri, b'kont meħud tal-miżuri rilevanti meħtieġa skond il-leġislazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari d-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi [1], id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġar ta' l-ilma għall-għawm [2] kif ukoll leġiżlazzjoni ulterjuri futura dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika ta' l-ilma jew ftehim internazzjonali.

3. Fit-tfassil tal-programm ta' miżuri skond il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jagħtu konsiderazzjoni dovuta lill-iżvilupp sostenibbli u, b'mod partikolari, lill-impatti soċjali u ekonomiċi tal-miżuri previsti. Sabiex jassistu lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 7 lejn l-objettivi tagħhom b'mod integrat, l-Istati Membri jistgħu jidentifikaw jew jistabbilixxu oqsfa amministrattivi bil-għan li jibbenefikaw minn tali interazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ikunu effikaċi fir-rigward ta' l-ispiża u li jkunu teknikament fattibbli, u għandhom iwettqu stimi ta' impatt, inklużi analiżi dettaljati tal-benefiċċji fir-rigward ta' l-ispiża, qabel l-introduzzjoni ta' kwalunkwe miżura ġdida.

4. Il-programmi ta' miżuri stabbiliti skond dan l-Artikolu għandhom, fuq bażi esortatorja, jinkludu miżuri ta' protezzjoni ta' spazji, b'mod li jikkontribwixxu għal networks koerenti u rappreżentattivi ta' żoni marini protetti, li jkopru b'mod adegwat id-diversità ta' l-ekosistemi kostitwenti, bħal żoni speċjali ta' konservazzjoni skond id-Direttiva, ta' żoni ta' protezzjoni speċjali skond id-Direttiva, u ta' żoni marini protetti kif miftiehma mill-Komunità jew mill-Istati Membri konċernati fil-qafas ta' ftehim internazzjonali jew reġjonali li għalihom ikunu partijiet.

5. Fejn l-Istati Membri jqisu li l-ġestjoni ta' attività umana fil-livell Komunitarju jew internazzjonali x'aktarx li jkollha impatt sinifikanti fuq l-ambjent marin, partikolarment fiż-żoni indirizzati fil-paragrafu 4, huma għandhom, individwalment jew b'mod konġunt, jindirizzaw lill-awtorità kompetenti jew lill-organizzazzjoni internazzjonali kkonċernata sabiex jiġu kkunsidrati u possibilment adottati miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva, sabiex ikunu jistgħu jinżammu jew, skond il-każ, ristawrati, l-integrità, l-istruttura u l-funzjonament ta' l-ekosistemi.

6. Sa mhux aktar tard mill-2013, l-Istati Membri għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli, fir-rigward ta' kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin, informazzjoni rilevanti dwar iż-żoni msemmija fil-paragrafi 4 u 5.

7. L-Istati Membri għandhom jindikaw fil-programmi ta' miżuri tagħhom kif il-miżuri għandhom jiġu implimentati u kif sejrin jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri ambjentali stabbiliti skond l-Artikolu 10(1).

8. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-implikazzjonijiet tal-programmi ta' miżuri tagħhom fir-rigward ta' ilmijiet lil hinn mill-ilmijiet marini tagħhom, bil-għan li jiġi minimizzat ir-riskju ta' ħsara f'dawk l-ilmijiet u, jekk ikun possibbli, ikollhom impatt pożittiv fuqhom.

9. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lil kwalunkwe Stat Membru ieħor konċernat bil-programmi ta' miżuri tagħhom, sa tliet xhur minn meta jiġu stabbiliti.

(1) ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
(2) ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37.

10. Suġġett għall-Artikolu 16, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi jsiru operattivi sa sena minn meta jiġu stabbiliti.

*Artikolu 14*

**Eċċezzjonijiet**

1. Stat Membru jista' jidentifika każijiet fi ħdan l-ilmijiet marini tiegħu fejn, għal kwalunkwe raġuni elenkata taħt il-punti (a) sa (d), il-miri ambjentali jew l-istatus ambjentali tajjeb ma jistgħux jintlaħqu f'kull aspett permezz ta' miżuri meħuda minn dak l-Istat Membru, jew, għal raġunijiet imsemmija taħt il-punt (e), dawn ma jistgħux jintlaħqu fl-iskeda ta' żmien konċernata:

(a) azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni li għalihom l-Istat Membru konċernat ma jkunx responsabbli;

(b) kawżi naturali;

(ċ) *force majeure*;

(d) modifiki jew alterazzjonijiet fil-karatteristiċi fiżiċi ta' l-ilmijiet marini kkawżati minn azzjonijiet meħuda minħabba raġunijiet ta' interess pubbliku prevalenti li jissuperaw l-impatt negattiv fuq l-ambjent, inkluż kwalunkwe impatt transkonfinali;

(e) kondizzjonijiet naturali li ma jippermettux titjib f'ħin opportun fl-istatus ta' l-ilmijiet marini konċernati.

L-Istat Membru konċernat għandu jidentifika każijiet bħal dawn b'mod ċar fil-programm tiegħu ta' miżuri u għandu jissostanzja l-veduti tiegħu lill-Kummissjoni. Fl-identifikazzjoni ta' każijiet, Stat Membru għandu jikkunsidra l-konsegwenzi għall-Istati Membri fir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat.

Madankollu, l-Istat Membru konċernat għandu jieħu miżuri ad hoc adegwati bl-għan li jkompli jfittex jilħaq il-miri ambjentali, sabiex jipprevjeni deterjorament ulterjuri fl-istatus ta' l-ilmijiet marini milqutin għal raġunijiet identifikati taħt il-punti (b), (ċ) jew (d) u sabiex itaffi l-impatt ħażin fil-livell tar-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat jew fl-ilmijiet marini ta' Stati Membri oħra.

2. Fis-sitwazzjoni koperta mill-punt (d) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-modifiki jew l-alterazzjonijiet ma jeskludux jew ma jikkompromettux b'mod permanenti l-kisba ta' status ambjentali tajjeb fil-livell tar-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat. jew fl-ilmijiet marini ta' Stati Membri oħra.

3. Il-miżuri ad hoc imsemmijin fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jiġu integrati sa fejn ikun prattikabbli fil-programmi ta' miżuri.

4. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw l-elementi kollha ta' l-Istrateġiji Marini msemmija fl-Artikolu 5(2), iżda m'għandhomx ikunu meħtieġa, ħlief fir-rigward ta' l-evalwazzjoni inizjali deskritta fl-Artikolu 8, jieħdu passi speċifiċi fejn ma jkun hemm l-ebda riskju sinifikanti għall-ambjent marin, jew fejn l-ispejjeż ikunu sproporzjonati b'kont meħud tar-riskji għall-ambjent marin, u dan sakemm ma jkunx hemm aktar deterjorament.

Fejn, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet, Stat Membru ma jieħu ebda pass, għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bil-ġustifikazzjoni meħtieġa sabiex jissostanzja d-deċiżjoni tiegħu, filwaqt li jevita li jiġi permanentement kompromess il-ksib ta' status ambjentali tajjeb.

*Artikolu 15*

**Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni Komunitarja**

1. Fejn Stat Membru jidentifika kwistjoni li jkollha impatt fuq l-istatus ambjentali ta' l-ilmijiet marini tiegħu u li ma tistax tiġi trattata b'miżuri adottati fil-livell nazzjonali, jew li tkun marbuta ma' xi politika Komunitarja oħra jew ma' ftehim internazzjonali ieħor, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni skond il-każ u jipprovdi ġustifikazzjoni sabiex jissostanzja l-fehma tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha twieġeb fi żmien sitt xhur.

2. Fejn tkun meħtieġa azzjoni mill-istituzzjonijiet Komunitarji, l-Istati Membri għandhom jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet xierqa lill-Kummissjoni u lill-Kunsill għal miżuri fir-rigward tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti, il-Kummissjoni għandha twieġeb għal kwalunkwe rakkomandazzjoni bħal din fi żmien sitt xhur u, skond il-każ, tirrifletti r-rakkomandazzjonijiet meta tippreżenta proposti relatati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 16*

**Notifiki u evalwazzjoni tal-Kummissjoni**

Abbażi tan-notifiki ta' programmi ta' miżuri skond l-Artikolu 13(9), il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk, fil-każ ta' kull Stat Membru, il-programmi notifikati jikkostitwixxux qafas adegwat sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat sabiex jipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tkun disponibbli u meħtieġa.

Fit-tfassil ta' dawk il-valutazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-koerenza tal-programmi ta' miżuri fir-Reġjuni jew Sub-Reġjuni Marini differenti u mal-Komunità.

Fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi dawk in-notifiki kollha, il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar jekk, fl-opinjoni tagħha, il-programmi ta' miżuri notifikati humiex konsistenti ma' din id-Direttiva, u tipprovdi gwida dwar kwalunkwe modifika li tqis meħtieġa.

KAPITOLU IV

## AĠĠORNAMENT, RAPPORTI U INFORMAZZJONI PUBBLIKA

*Artikolu 17*

### Aġġornament

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' kull Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat, l-Istrateġiji Marini jinżammu aġġornati.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jirrivedu, b'mod koordinat kif imsemmi fl-Artikolu 5, l-elementi li ġejjin, ta' l-Istrateġiji Marini tagħhom kull sitt snin wara l-istabbiliment inizjali tagħhom:

(a) il-valutazzjoni inizjali u d-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb, kif previsti fl-Artikoli 8(1) u 9(1), rispettivament;

(b) il-miri ambjentali stabbiliti skond l-Artikolu 10(1);

(ċ) il-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti skond l-Artikolu 11(1);

(d) il-programmi ta' miżuri stabbiliti skond l-Artikolu 13(2).

3. Id-dettalji ta' kwalunkwe aġġornament li jsir konsegwentement għar-reviżjonijiet previsti fil-paragrafu 2 għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni, lill-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali u lil kull Stat Membru ieħor konċernat sa tliet xhur mill-pubblikazzjoni tagħhom skond l-Artikolu 19(2).

4. L-Artikoli 12 u 16 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan l-Artikolu.

*Artikolu 18*

### Rapporti interim

L-Istati Membri għandhom, sa tliet snin mill-pubblikazzjoni ta' kull programm ta' miżuri jew aġġornament tiegħu skond l-Artikolu 19(2), jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport interim qasir li jiddeskrivi l-progress fl-implimentazzjoni ta' dak il-programm.

*Artikolu 19*

### Konsultazzjoni pubblika u informazzjoni

1. Skond il-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti eżistenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet interessati kollha jiġu mogħtija opportunitajiet bikrija u effettivi sabiex jipparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, filwaqt li jiġu involuti, fejn ikun possibbli, korpi jew strutturi eżistenti ta' mmaniġġar, inklużi Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali, Korpi Konsultattivi Xjentifiċi u Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw, u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, għall-finijiet ta' kummenti, sommarji ta' l-elementi li ġejjin ta' l-Istrateġiji Marini tagħhom, jew l-aġġornamenti relatati, kif ġej:

(a) il-valutazzjoni inizjali u d-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb, kif previsti fl-Artikoli 8(1) u 9(1), rispettivament;

(b) il-miri ambjentali stabbiliti skond l-Artikolu 10(1);

(ċ) il-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti skond l-Artikolu 11(1);

(d) il-programmi ta' miżuri stabbiliti skond l-Artikolu 13(2).

3. Għal dak li jirrigwarda l-aċċess għal informazzjoni ambjentali, għandha tapplika d-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali ([1]).

Konformement mad-Direttiva 2007/2/KE, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, għall-prestazzjoni tal-kompiti tagħha fir-rigward ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari r-reviżjoni ta' l-istatus ta' l-ambjent marin fil-Komunità skond l-Artikolu 20 (3)(b), b'aċċess u drittijiet ta' l-użu fir-rigward ta' data u informazzjoni li jirriżultaw mill-evalwazzjonijiet inizjali magħmula skond l-Artikolu 8 u mill-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti skond l-Artikolu 11.

Mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jsiru disponibbli d-data u l-informazzjoni li jirriżultaw mill-evalwazzjonijiet inizjali magħmula skond l-Artikolu 8 u mill-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti skond l-Artikolu 11, tali informazzjoni u data għandhom isiru disponibbli wkoll għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għat-twettiq tal-kompiti tagħha.

([1]) ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.

*Artikolu 20*

**Rapporti tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sa sentejn minn meta tirċievi l-programmi kollha ta' miżuri u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mill-2019.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika aktar rapporti kull sitt snin minn dakinhar 'il quddiem. Hija għandha tippreżenta r-rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Sa mhux aktar tard mill-15 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jevalwa l-kontribuzzjoni ta' din id-Direttiva għall-implimentazzjoni ta' l-obbligi, impenji u inizjattivi eżistenti ta' l-Istati Membri jew tal-Komunità fil-livell Komunitarju jew fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali ta' l-ilmijiet marini.

Dak ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Ir-rapporti previsti fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) reviżjoni tal-progress fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;

(b) reviżjoni ta' l-istatus ta' l-ambjent marin fil-Komunità, magħmul f'koordinazzzjoni ma' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-organizzazzjonijiet u konvenzjonijiet reġjonali marini u tas-sajd rilevanti;

(ċ) stħarriġ ta' l-Istrateġiji Marini, flimkien ma' suġġerimenti għat-titjib tagħhom;

(d) sommarju ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri skond l-Artikoli 12 u 16 u tal-valutazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 16, fir-rigward ta' l-informazzjoni riċevuta minn Stati Membri skond l-Artikolu 15;

(e) sommarju tar-rispons għal kull wieħed mir-rapporti ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri skond l-Artikolu 18;

(f) sommarju tar-risposti għall-kummenti magħmulin mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar Strateġiji Marini preċedenti;

(ġ) sommarju tal-kontribut minn linji politiċi Komunitarji rilevanti oħra għall-kisba ta' l-objetttivi ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 21*

**Rapport ta' progress dwar iż-żoni protetti**

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri sa l-2013, il-Kummissjoni għandha tirrapporta sa l-2014 dwar il-progress fit-twaqqif ta' żoni marini protetti, filwaqt li tikkunsidra l-obbligi eżistenti taħt il-liġi Komunitarja applikabbli u l-impenji internazzjonali tal-Komunità u ta' l-Istati Membri.

Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 22*

**Finanzjament Komunitarju**

1. Minħabba l-prijorità marbuta b'mod inerenti mal-ħolqien ta' strateġiji marini, l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tkun appoġġata minn strumenti finanzjarji eżistenti tal-Komunità konformement mar-regoli u l-kondizzjonijiet applikabbli.

2. Il-programmi mfassla mill-Istati Membri għandhom jiġu kofinanzjati mill-UE konformement ma' l-istrumenti finanzjarji eżistenti.

*Artikolu 23*

**Reviżjoni ta' din id-Direttiva**

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-Direttiva sal-15 ta' Lulju 2023, u għandha, fejn ikun kunsiljabbli, tipproponi kwalunkwe emenda meħtieġa.

KAPITOLU V

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 24*

**Adattamenti tekniċi**

1. L-Annessi III, IV u V jistgħu jiġu emendati fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3), b'kont meħud tal-perijodi għar-reviżjoni u l-aġġornament ta' l-Istrateġiji Marini stabbiliti fl-Artikolu 17(2).

2. Skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 25(2),

(a) jistgħu jiġu adottati standards metodoloġiċi għall-applikazzjoni ta' l-Annessi I, III, IV u V;

(b) jistgħu jiġu adottati formati tekniċi għall-finijiet tat-trasmissjoni u ta' l-ipproċessar ta' data, inkluża data statistika u kartografika.

*Artikolu 25*

**Kumitat Regolatorju**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 26*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-15 ta' Lulju 2010. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tal-miżuri prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri li m'għandhomx ilmijiet marini għandhom idaħħlu fis-seħħ biss dawk il-miżuri li jkunu neċessarji sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti taħt l-Artikolu 6 u l-Artikolu 7.

Fejn tali miżuri jkunu diġà qegħdin fis-seħħ fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-Istati Membri konċernati għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk il-miżuri.

*Artikolu 27*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 28*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 17 ta' Ġunju 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J. LENARČIČ |

*ANNESS I*

**Deskritturi kwalitattivi għad-determinazzjoni ta’ status ambjentali tajjeb**

(imsemmija fl-Artikoli 3(5), 9(1), 9(3) u 24)

(1) Id-diversità bijoloġika hija miżmuma. Il-kwalità u l-preżenza tal-*habitats* u d-distribuzzjoni u l-abbundanza ta’ l-ispeċi huma konformi mal-kondizzjonijiet fisjografiċi, ġeografiċi u klimatiċi prevalenti.

(2) Speċji mhux indiġeni introdotti minn attivitajiet umani huma f'livelli li ma jbiddlux negattivament l-ekosistemi.

(3) Il-popolazzjonijiet tal-ħut u krostaċej kollha sfruttati kummerċjalment jinsabu f'limiti bijoloġiċi siguri, filwaqt li jippreżentaw distribuzzjoni tal-popolazzjoni fuq il-bażi ta’ l-età u tad-daqs li tindika stokk b'saħħtu.

(4) L-elementi kollha tas-sistemi marini ta’ l-ikel, sa fejn huma magħrufa, jeżistu f'abbundanza u f'diversità normali u f'livelli li huma kapaċi jiżguraw l-abbundanza ta’ l-ispeċi fuq perjodu twil ta’ żmien u ż-żamma tal-kapaċità riproduttiva sħiħa tagħhom.

(5) L-ewtrofikazzjoni indotta mill-bniedem hi minimizzata, speċjalment l-effetti ħżiena tagħha, bħat-telf fil-bijodiversità, id-degradazzjoni ta’ l-ekosistema, il-proliferazzjoni ta’ algi dannużi, u n-nuqqas ta’ ossiġnu fl-ilmijiet tal-qiegħ.

(6) L-integrità ta’ qiegħ il-baħar tkun f'livell li jiżgura li l-istruttura u il-funzjonijiet ta’ l-ekosistemi huma salvagwardati u l-ekosistemi tal-flora u l-fawna ta’ qiegħ il-baħar, b'mod partikolari, ma jiġux milquta ħażin.

(7) L-alterazzjoni permanenti tal-kondizzjonijiet idrografiċi ma tolqotx ħażin l-ekosistemi marittimi.

(8) Il-konċentrazzjonijiet ta’ kontaminanti huma f'livelli li ma jwasslux għal effetti ta’ tniġġis.

(9) Il-kontaminanti f'ħut u f'ikel tal-baħar ieħor għall-konsum tal-bniedem ma jeċċedux livelli stabbiliti mil-leġislazzjoni Komunitarja jew standards rilevanti oħra.

(10) Il-proprjetajiet u l-kwantitajiet ta’ rifjuti marini ma jikkawżawx dannu għall-ambjent kostali u marin.

(11) L-introduzzjoni ta’ l-enerġija, inkluż storbju ta’ taħt il-baħar, hija f'livelli li ma jolqtux ħażin l-ambjent marin.

Sabiex jiddeterminaw il-karatteristiċi ta’ status ambjentali tajjeb f'Reġjun jew Sub-Reġjun Marittimu kif previst fl-Artikolu 9(1), l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw kull wieħed mid-deskritturi kwalitattivi elenkati f'dan l-Anness sabiex jidentifikaw dawk id-deskritturi li għandhom jintużaw fid-determinazzjoni ta’ status ambjentali tajjeb għal dak ir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marittimu. Meta Stat Membru jikkunsidra li ma jkunx il-każ li jintuża xi wieħed jew diversi minn dawk id-deskritturi, huwa għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'ġustifikazzjoni fil-qafas tan-notifika li ssir skond l-Artikolu 9(2).

*ANNESS II*

**Awtoritajiet kompetenti**

(imsemmija fl-Artikolu 7(1))

(1) L-isem u l-indirizz ta' l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti – l-isem u l-indirizz uffiċjali ta' l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti identifikati.

(2) L-istatus legali ta' l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti – deskrizzjoni qasira ta' l-istatus legali ta' l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti.

(3) Responsabbiltajiet – deskrizzjoni qasira tar-responsabbiltajiet legali u amministrattivi ta' l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti u tar-rwol tagħhom relattivament għall-ilmijiet marini konċernati.

(4) Sħubija – meta l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti jaġixxu bħala korp ta' koordinament għal awtoritajiet kompetenti oħrajn, tkun meħtieġa lista ta' dawn flimkien ma' sommarju tar-relazzjonijiet istituzzjonali stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni.

(5) Koordinazzjoni reġjonali jew sub-reġjonali – huwa meħtieġ sommarju tal-mekkaniżmi stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri li l-ilmijiet marini tagħhom jaqgħu fl-istess Reġjun jew Sub-Reġjun Marin.

*ANNESS III*

**Listi indikattivi ta' karatteristiċi, pressjonijiet u impatti**

(imsemmija fl-Artikoli 8(1), 9(1), 9(3), 10(1), 11(1) u 24)

*Tabella 1*

**Karatteristiċi**

| | |
|---|---|
| Karatteristiċi fiżiċi u kimiċi | — Topografija u batimetrija ta' qiegħ il-baħar;<br>— Reġim tat-temperatura u koperta tas-silġ annwali u staġjonali, veloċità attwali, *upwelling*, kxif għall-mewġ, it-taħlit ta' karatteristiċi, turbidità, ħin ta' residenza;<br>— Distribuzzjoni ġeografika u temporali ta' salinità;<br>— Distribuzzjoni ġeografika u temporali ta' nutrijenti (DIN, TN, DIP, TP, TOC) u ossiġnu;<br>— Profili pH, $pCO_2$ jew informazzjoni ekwivalenti użati għall-kejl ta' l-aċidifikazzjoni marina. |
| Tipi ta' *habitats* | — It-tip(i) predominanti ta' *habitats* ta' qiegħ il-baħar u *water column* b'deskrizzjoni tal-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi tipiċi, bħal fond, reġim tat-temperatura ta' l-ilma, kurrenti u movimenti oħra ta' l-ilma, salinità, kompożizzjoni ta' l-istruttura u s-sottostrat tal-qiegħ;<br>— Identifikazzjoni u ppjantar ta' tipi ta' *habitats* speċjali speċjalment dawk rikonoxxuti jew identifikati taħt il-leġislazzjoni Komunitarja (id-Direttiva dwar il-*Habitats* u d-Direttiva dwar l-Għasafar) jew konvenzjonijiet internazzjonali bħala ta' interess speċjali xjentifiku jew ta' bijodiversità;<br>— *Habitats* f'żoni li minħabba l-karatteristiċi, il-post jew l-importanza strateġika tagħhom jisthoqqilhom referenza partikolari. Din tista' tinkludi żoni suġġetti għal pressjonijiet intensi jew speċifiċi jew żoni li jisthoqqilhom reġim ta' protezzjoni speċifika. |
| Karatteristiċi bijoloġiċi | — Deskrizzjoni tal-komunitajiet bijoloġiċi assoċjati mal-*habitats* predominanti ta' qiegħ il-baħar u *water column*. Din tkun tinkludi informazzjoni dwar il-komunitajiet ta' fitoplankton u żooplankton inkluż l-ispeċi u l-varjabbiltà staġjonali u ġeografika;<br>— Informazzjoni dwar l-anġjospermi, il-makro-algae u l-fawna invertebrata tal-qiegħ, inkluż il-kompożizzjoni ta' l-ispeċi, il-bijomassa u l-varjabbiltà annwali/staġjonali;<br>— Informazzjoni dwar l-istruttura tal-popolazzjonijiet ta' ħut inklużi l-abbundanza, id-distribuzzjoni u l-istruttura ta' età/daqs tal-popolazzjonijiet;<br>— Deskrizzjoni tad-dinamika tal-popolazzjoni, il-firxa u l-status naturali u attwali ta' l-ispeċi kollha tal-mammiferi u r-rettili marini li jinsabu fir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin;<br>— Deskrizzjoni tad-dinamika tal-popolazzjoni, il-firxa u l-istatus naturali u attwali ta' l-ispeċi kollha ta' għasafar tal-baħar li jinsabu fir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin;<br>— Deskrizzjoni tad-dinamika tal-popolazzjoni, il-firxa u l-istatus naturali u attwali ta' l-ispeċi kollha l-oħrajn li jinsabu fir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin li jkunu s-suġġett tal-leġislazzjoni Komunitarja jew ta' ftehim internazzjonali;<br>— Inventarju tal-preżenza temporanja, ta' l-abbundanza u tad-distribuzzjoni ġeografika ta' speċi eżotiċi mhux indiġeni jew, fejn rilevanti, forom ta' speċi nattivi distinti ġenetikament, li jinsabu fir-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin. |
| Karatteristiċi oħrajn | — Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni fir-rigward ta' kimiki, inklużi kimiki li joħolqu tħassib, kontaminazzjoni tas-sediment, żoni sħan, kwistjonijiet ta' saħħa u kontaminazzjoni tal-biota (speċjalment il-biota maħsuba għall-konsum tal-bniedem);<br>— Deskrizzjoni ta' kwalunkwe aspetti oħra jew ta' karatteristiċi tipiċi ta' jew speċifiċi għar-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin. |

*Tabella 2*

**Pressjonijiet u Impatti**

| | |
|---|---|
| Telf fiżiku | — Soppressjoni (eż. bi strutturi magħmula mill-bniedem, rimi tat-tħammil);<br>— Issiġillar (eż. b’kostruzzjonijiet permanenti) |
| Ħsara fiżika | — Tibdil fl-insabbjament (eż. bi skarkir ta’ ilma, b’*run-off* miżjuda, bit-tħammil/bir-rimi tat-tħammil);<br>— Grif (eż. impatt fuq qiegħ il-baħar minn sajd kummerċjali, tbaħħir, ankrar, sajd kummerċjali);<br>— Estratt selettiv (eż. esplorazzjoni u sfruttament ta’ riżorsi ħajjin u mhux ħajjin f’qiegħ il-baħar u fis-subsoil). |
| Disturbi fiżiċi oħrajn | — Storbju sottomarin (eż. minn bastimenti, tagħmir akustiku ta’ taħt l-ilma);<br>— Ħmieġ marin |
| Interferenza ma’ proċessi idroloġiċi | — Tibdil sinifikanti fir-reġim termali (eż. skarikar ta’ ilma minn *power stations*);<br>— Tibdil sinifikanti fir-reġim tas-salinità (eż. b’kostruzzjonijiet li jimpedixxu l-flussi ta’ l-ilma, bl-astrazzjoni ta’ l-ilma). |
| Kontaminazzjoni b’sustanzi perikolużi | — Introduzzjoni ta’ komposti sintetiċi (eż. sustanzi prijoritarji taħt id-Direttiva 2000/60/KE li huma rilevanti għall-ambjent marin, bħal pestiċidi, antifoulants, farmaċewtiċi, li jirriżultaw per eżempju minn ħruġ minn sorsi diffużi, inkwinament minn vapuri, depożiti atmosferiċi) u sustanzi bijoloġikament attivi;<br>— Introduzzjoni ta’ sustanzi u komposti mhux sintetiċi (eż. metalli tqal, idrokarboni li jirriżultaw per eżempju minn tnixxija minn bastimenti u esplorazzjoni u sfruttament ta’ żejt, gass u minerali, depożitu atmosferiku, inputs mix-xmajjar);<br>— Introduzzjoni ta’ *radio nuclides*. |
| Rilaxx sistematiku u intenzjonat ta’ sustanzi | — Introduzzjoni ta’ sustanzi oħra, kemm jekk solidi, likwidi jew gass, fl-ilmijiet marini, li jirriżultaw mir-rilaxx sistematiku u/jew intenzjonat tagħhom fl-ambjent marin, kif permess konformement ma’ leġiżlazzjoni Komunitarja oħra u/jew konvenzjonijiet internazzjonali. |
| Arrikkiment nutrijenti u organiku ta’ materji | — Inputs ta’ fertilizzanti u sustanzi oħra li fihom ħafna nitroġenu jew fosfru (eż. minn siti ta’ emissjoni, ħruġ minn siti diffużi inklużi l-agrikoltura, l-akwakultura, depożitu atmosferiku);<br>— Inputs ta’ materja organika (eż. drenaġġ, marikultura, inputs mix-xmara). |
| Disturbi bijoloġiċi | — Introduzzjoni ta’ patoġeni mikrobiċi;<br>— Introduzzjoni ta’ speċi mhux indiġeni u traslokazzjonijiet;<br>— Estratt selettiv ta’ speċi, inkluż qbid mhux immirat inċidentali (eż. b’sajd kummerċjali u rikreattiv). |

*ANNESS IV*

**Listi indikattivi ta' karatteristiċi li tagħhom irid jittieħed kont għad-determinazzjoni ta' miri ambjentali**

(imsemmija fl-Artikoli 10(1) u 24)

(1) Kopertura adegwata ta' l-elementi li jikkaratterizzaw l-ilmijiet marini taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri f'Reġjun jew Sub-Reġjun Marin.

(2) Il-ħtieġa li jiġu stabbiliti (a) miri li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet mixtieqa bbażati fuq id-definizzjoni ta' status ambjentali tajjeb; (b) miri miżurabbli u indikaturi assoċjati li jippermettu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni; u (ċ) miri operattivi relatati ma' miżuri konkreti ta' implimentazzjoni sabiex jappoġġaw il-kisba tagħhom.

(3) Speċifikazzjoni ta' l-istatus ambjentali li għandu jintlaħaq jew jinżamm u formulazzjoni ta' dak l-istatus f'termini ta' kwalitajiet miżurabbli ta' l-elementi li jikkaratterizzaw l-ilmijiet marini ta' Stat Membru f'Reġjun jew Sub-Reġjun Marin.

(4) Konsistenza tas-sett ta' miri; assenza ta' konflitti bejniethom.

(5) Speċifikazzjoni tar-riżorsi meħtieġa sabiex jintlaħqu l-miri.

(6) Formulazzjoni tal-miri, li jinkludu miri *interim* possibbli, b'perijodu definit ta' żmien sabiex jintlaħqu.

(7) Speċifikazzjoni ta' indikaturi maħsuba sabiex jissorveljaw il-progress u sabiex jiggwidaw deċiżjonijiet maniġerjali sabiex jintlaħqu l-miri.

(8) Fejn ikun kunsiljabbli, speċifikazzjoni ta' punti ta' riferiment (punti ta' riferiment għall-miri u l-limiti).

(9) Konsiderazzjoni dovuta ta' interessi soċjali u ekonomiċi fl-istabbiliment tal-miri.

(10) Eżami tas-sett ta' miri ambjentali, indikaturi assoċjati u punti ta' riferiment tal-limiti u l-miri żviluppati fid-dawl ta' l-objettiv ambjentali stipulat fl-Artikolu 1, sabiex jiġi valutat jekk il-kisba tal-miri twassalx l-ilmijiet marini li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri f'Reġjun Marin għal status li jikkorrispondi magħhom.

(11) Kompatibbiltà tal-miri ma' l-objettivi li l-Komunità u l-Istati Membri tagħha kkommettew ruħhom għalihom taħt ftehim internazzjonali u reġjonali rilevanti, bl-użu ta' dawk li huma l-aktar rilevanti għar-Reġjun jew Sub-Reġjun Marin konċernat bl-għan li jinkisbu l-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 1.

(12) Meta jiġi stabbilit is-sett ta' miri u indikaturi, dawn għandhom jiġu eżaminati flimkien relattivament ma' l-objettiv ambjentali stipulat fl-Artikolu 1 sabiex jiġi valutat jekk il-kisba tal-miri twassalx l-ambjent marin għal status li jikkorrispondi magħhom.

*ANNESS V*

**Programmi ta’ monitoraġġ**

(imsemmija fl-Artikoli 11(1) u 24)

(1) Il-ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni għall-valutazzjoni ta’ l-istatus ambjentali u għal stima tad-distanza minn, u l-progress lejn, status ambjentali tajjeb konformement ma’ l-Anness III u mal-kriterji u *standards* metodoloġiċi li għandhom jiġu definiti skond l-Artikolu 9(3).

(2) Il-ħtieġa li tiġi żgurata l-ġenerazzjoni ta’ l-informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta’ indikaturi adattati għall-miri ambjentali previsti fl-Artikolu 10.

(3) Il-ħtieġa li tiġi żgurata l-ġenerazzjoni ta’ l-informazzjoni li tippermetti l-istima ta’ l-impatt tal-miżuri previsti fl-Artikolu 13.

(4) Il-ħtieġa li jiġu inklużi attivitajiet sabiex tiġi identifikata l-kawża tal-bidla u għalhekk il-miżuri korrettivi possibbli li jkun jeħtieġ jittieħdu sabiex jerġa jinkiseb l-istatus ambjentali tajjeb, meta d-devjazzjonijiet mill-firxa ta’ l-istatus mixtieq ikunu identifikati.

(5) Il-ħtieġa li tiġi pprovduta informazzjoni dwar inkwinanti kimiċi fi speċi għall-konsum tal-bniedem minn żoni ta’ sajd kummerċjali.

(6) Il-ħtieġa li jiġu inklużi attivitajiet sabiex jikkonfermaw li l-miżuri korrettivi jwasslu t-tibdil mixtieq u l-ebda effetti sekondarji mhux mixtieqa.

(7) Il-ħtieġa li tinġabar flimkien l-informazzjoni b’referenza għal Reġjuni jew Sub-Reġjuni Marini skond l-Artikolu 4.

(8) Il-ħtieġa li tiġi żgurata l-komparabbiltà ta’ approċċi u metodi ta’ valutazzjoni fi u bejn reġjuni marini u/jew sub-reġjuni.

(9) Il-ħtieġa li jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-monitoraġġ fil-livell Komunitarju li jippermettu l-komparabbiltà ta’ l-informazzjoni.

(10) Il-ħtieġa li tkun żgurata kemm jista’ jkun possibbli l-kompatibbiltà ma’ programmi eżistenti żviluppati fil-livelli reġjonali u internazzjonali bil-ħsieb li titrawwem konsistenza bejn dawn il-programmi u li tiġi evitata d-duplikazzjoni ta’ l-isforzi, bl-użu ta’ dawk il-linji gwida ta’ monitoraġġ li huma l-aktar rilevanti għar-Reġjun jew is-Sub-Reġjun Marin konċernat.

(11) Il-ħtieġa li tiġi nkluża bħala parti mill-valutazzjoni inizjali prevista fl-Artikolu 8, l-valutazzjoni ta’ bidliet kbar fil-kondizzjonijiet ambjentali kif ukoll, fejn meħtieġ, ta’ kwistjonijiet ġodda u emerġenti.

(12) Il-ħtieġa li jiġu indirizzati bħala parti mill-valutazzjoni inizjali prevista fl-Artikolu 8, l-elementi rilevanti elenkati fl-Anness II inkluża l-varjabbiltà naturali tagħhom u sabiex jiġi evalwat il-progress lejn il-kisba tal-miri ambjentali stipulati skond l-Artikolu 10(1) ta’ din id-Direttiva, bl-użu, kif jixraq, ta’ l-indikaturi stabbiliti u l-punti ta’ referenza tal-limiti jew miri tagħhom.

*ANNESS VI*

**Programmi ta' miżuri**

(imsemmija fl-Artikoli 13(1) u 24)

(1) Kontrolli ta' l-input: miżuri ta' ġestjoni li jinfluwenzaw l-ammont ta' attività tal-bniedem li tkun permessa.

(2) Kontrolli ta' l-output: miżuri ta' ġestjoni li jinfluwenzaw il-grad ta' perturbazzjoni ta' komponent ta' l-ekosistema li jkun permess.

(3) Kontrolli tad-distribuzzjoni ġeografika u temporali: miżuri ta' ġestjoni li jinfluwenzaw fejn u meta jkun permess li sseħħ xi attività.

(4) Miżuri ta' koordinazzjoni tal-ġestjoni: strumenti sabiex jiżguraw li l-ġestjoni tkun koordinata.

(5) Miżuri sabiex titjieb it-traċċabbiltà, fejn dan ikun fattibbli, tat-tniġġis marin.

(6) Inċentivi ekonomiċi: miżuri ta' ġestjoni li jagħmluha fl-interess ekonomiku ta' dawk li jużaw l-ekosistemi marini li jaġixxu b'modi li jgħinu fil-kisba ta' l-objettivi ta' status ambjentali tajjeb.

(7) Strumenti ta' mitigazzjoni u rimedju: strumenti ta' ġestjoni li jiggwidaw l-attivitajiet tal-bniedem sabiex jirrestawraw komponenti danneġġati ta' l-ekosistemi marini.

(8) Komunikazzjoni, l-involviment tal-partijiet interessati u t-tqajjim ta' kuxjenza pubblika.

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-18 ta' Ġunju 2008**

**li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda għall-ġlieda kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2006**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2722)*

**(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

(2008/483/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 3(3) u 3(5) l-ewwel inċiż tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipula l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. Bil-ħsieb li teqred id-deni klassiku tal-ħnieżer malajr kemm jista' jkun, il-Komunità għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għal nefqa eliġibbli mġarrba mill-Istati Membri. L-Artikolu 3(5) l-ewwel inċiż ta' dik id-Deċiżjoni jistipula regoli dwar il-perċentwal li jrid jiġi applikat għall-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 [2] li jistabbilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-ġlieda kontra ċertu mard ta' l-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE. L-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament jistipula regoli dwar in-nefqa eliġibbli għal appoġġ finanzjarju Komunitarju.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/777/KE ta' l-14 ta' Novembru 2006 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lejn il-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2006 [3] tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lill-Ġermanja għan-nefqa mġarrba fit-teħid ta' miżuri ta' emerġenza għall-ġlieda kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fl-2006. B'konformità ma' dik id-Deċiżjoni, ingħata l-ewwel pagament ta' EUR 5 000 000.

(4) Fis-6 ta' Diċembru 2006, il-Ġermanja bagħtet talba uffiċjali għal ħlas lura kif stipulat fl-Artikoli 7(1) u 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.

(5) Mit-23 ta' April sas-27 ta' April 2007, il-Kummissjoni wettqet verifika *in situ* kif stipulat fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005. Il-kummenti tal-Kummissjoni, il-metodu għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli u l-konklużjonijiet aħħarija ġew ikkomunikati lill-Ġermanja f'ittra ddatata 6 ta' Frar 2008.

(6) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandu jiġi soġġett għall-kundizzjoni li l-attivitajiet ippjanati kienu fil-fatt implimentati u li l-awtoritajiet ipprovdew it-tagħrif kollu meħtieġ fiż-żmien stipulat.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
[2] ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.
[3] ĠU L 314, 15.11.2006, p. 37.

(7) L-awtoritajiet Ġermaniżi ssodisfaw bis-sħiħ l-obbligi tekniċi u amministrattivi tagħhom kif stipulati fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE u l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.

(8) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija fuq, l-ammont totali ta' l-appoġġ finanzjarju Komunitarju għan-nefqa eliġibbli mġarrba fil-kuntest tal-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2006 issa għandha tiġi ffissata.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lill-Ġermanja**

Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Komunità għan-nefqa marbuta mal-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2006 hija ffissata għal EUR 8 315 827,65.

*Artikolu 2*

**Arranġamenti għall-ħlas**

Il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità huwa ffissat għal EUR 3 315 827,65.

*Artikolu 3*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta' l-20 ta' Ġunju 2008

## dwar l-estensjoni ta' ċerti deċiżjonijiet ta' Għajnuna mill-Istat

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2883)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/484/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 87 u 88 tiegħu,

Billi:

(1) Il-perjodu ta' validità għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/2002 tal-5 ta' Diċembru 2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-impjieg [1], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Tattat tal-KE għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju [2] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Tattat tal-KE dwar l-għajnuna għat-taħriġ [3] ġie estiż bir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1976/2006 ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolamenti (KE) 2204/2002, (KE) Nru 70/2001 u (KE) Nru 68/2001 fir-rigward ta' l-estensjoni għall-perjodu ta' applikazzjoni [4] sat-30 ta' Ġunju 2008. Il-validità tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw l-iskemi ta' Għajnuna mill-Istat fuq il-bażi tar-Regolamenti (KE) Nru 2204/2002, (KE) Nru 70/2001 jew (KE) Nru 68/2001 ġiet estiża, sat-30 Ġunju 2008, bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/72/KE [5] .

(2) Minħabba l-fatt li r-regolament għal eżenzjoni ġenerali shiha [6] li jieħu post dawn ir-regolamenti hu skedat li jiġi adottat u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali f'data wara t-30 Ġunju 2008, hu meħtieġ li tiġi estiża l-validità tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw l-iskemi ta' Għajnuna mill-Istat fuq il-bażi tar-Regolamenti (KE) Nru 2204/2002, (KE) Nru 70/2001 jew (KE) Nru 68/2001, għal perjodu ta' żmien limitat, sabiex ikun hemm perjodu xieraq ta' transizzjoni sakemm jidħol fis-seħħ ir-regolament għal eżenzjoni ġenerali shiha,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Bla ħsara għall-miżuri xierqa li hemm fit-tielet inċiż 107 tal-linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-2007 sa l-2013 ta' l-4 ta' Marzu 2006 [7] u aċċettati mill-Istati Membri kollha, il-validità tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw l-iskemi ta' Għajnuna mill-Istat fuq il-bażi tar-Regolamenti (KE) Nru 2204/2002, (KE) Nru 70/2001 jew (KE) Nru 68/2001 qabel ma tidħol fis-seħħ din id-Deċiżjoni għandha tiġi estiża sat-30 ta' Settembru 2008.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Għandha tibda tapplika mill-1 ta' Ġunju 2008.

Magħmula fi Brussell, 20 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Neelie KROES
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 337, 13.12.2002, p. 3. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1040/2006 (ĠU L 187, 8.7.2006, p. 8).
[2] ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1040/2006.
[3] ĠU L 10, 13.1.2001, p. 20. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1040/2006.
[4] ĠU L 368, 23.12.2006, p. 85.
[5] ĠU L 32, 6.2.2007, p. 180.
[6] ĠU C 210 tat-8.9.2007, p. 14.
[7] ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta’ l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA’ L-UE

## AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2008/485/PESK

**tat-23 ta’ Ġunju 2008**

**li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK dwar il-missjoni tal-pulizija ta’ l-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo)**

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta’ Ġunju 2007 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK [1] għal perijodu inizjali li jagħlaq fit-30 ta’ Ġunju 2008.

(2) Wara konsultazzjoni ma’ l-awtoritajiet Kongoliżi u partijiet oħra kkonċernati, jidher li huwa meħtieġ li l-missjoni tiġi estiża għal sena.

(3) Il-kompiti ta’ EUPOL RD Congo għandhom jinkludu wkoll il-provvista ta’ assistenza lill-*Police Nationale Congolaise* fl-oqsma tal-Pulizija tal-Fruntieri u s-Servizz tal-Verifika tal-Pulizija. Barra minn hekk, il-missjoni għandha tikkontribwixxi għall-aspetti marbuta mal-pulizija, is-sessi, id-drittijiet tal-bniedem, u t-tfal u l-konflitti armat tal-proċess ta’ stabilizzazzjoni fix-xlokk tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), u tiffaċilita r-rabta u l-armonizzazzjoni ta’ dawk l-isforzi mal-proċess nazzjonali ta’ riforma tal-pulizija. Dak għandu jinkiseb b’mod partikolari billi jiġi pprovdut l-appoġġ għal żewġ programmi li tfasslu sabiex jiġu implimentati l-istrumenti ta’ ftehim iffirmati f’Goma fit-23 ta’ Jannar 2008 mill-gvern tar-RDK u gruppi armati diversi li joperaw fil-Kivus, jiġifieri l-*Programme Amani* u l-*Plan de Stabilisation de l’Est*, li t-tnejn li huma jinkludu komponenti tal-pulizija.

(4) F’dan ir-rigward, l-EUPOL RD Congo għandha wkoll tintbagħat fil-parti tax-xlokk tar-RDK b’kont meħud partikolarment tal-kwistjonijiet ta’ sigurtà, il-vjolenza ibbażata fuq is-sessi, it-tfal f’konflitti armati u l-koordinazzjoni internazzjonali.

(5) Għandu jiġi pprovdut ammont ta’ referenza finanzjarja ġdid sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni għall-perijodu mill-1 ta’ Lulju 2008 sat-30 ta’ Ġunju 2009.

(6) Il-mandat tal-missjoni qed jitwettaq f’kuntest ta’ sigurtà li jista’ jiddeterjora ruħu u jimmina l-objettivi tal-Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni (PESK) kif definiti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2007/405/PESK hija b’dan emendata kif ġej:

1) fl-Artikolu 2(1), għandu jiżdied l-inċiż li ġej:

“— tikkontribwixxi għall-aspetti marbuta mal-pulizija kif ukoll mas-sessi, mad-drittijiet tal-bniedem u t-tfal u l-konflitti armati tal-proċess ta’ paċi fix-xlokk tar-RDK u speċjalment lir-rabta tiegħu mal-proċess ta’ riforma tal-PNC.”;

2) l-Artikolu 3 għandu jiġi ssostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 3*

**Struttura tal-missjoni u taż-żona ta’ insedjament**

1. Il-missjoni għandu jkollha Kwartieri Ġenerali (KĠ) f’Kinshasa li jikkonsisti fi:

(a) il-Kap tal-Missjoni;

[1] ĠU L 151, 13.6.2007, p. 46. Azzjoni Konġunta kif emendata bl-Azzjoni Konġunta 2008/38/PESK (ĠU L 9, 12.1.2008, p. 18).

(b) skwadra ta' kunsilliera tal-pulizija fil-livell strateġiku;

(ċ) skwadra ta' kunsilliera tal-pulizija fil-livell operattiv;

(d) skwadra ta' kunsilliera ġuridiċi fil-livell strateġiku u operattiv;

(e) appoġġ amministrattiv.

2. Il-missjoni għandu jkollha preżenza permanenti f'Goma u Bukavu, fil-parti tax-xlokk tar-RDK, sabiex twassal assistenza u kompetenza lill-proċess ta' stabilizzazzjoni fix-xlokk tar-RDK.

3. It-tqassim operattiv tal-kompiti għandu jkun kif ġej:

(a) esperti li jiffurmaw parti integrali mid-diversi gruppi ta' ħidma dwar ir-riforma tal-pulizija, u kunsilliera assenjati għall-postijiet organizzattivi u deċiżjonali ċentrali tas-CSRP previsti mill-awtoritajiet Kongoliżi;

(b) esperti assenjati lill-PNC, b'mod partikolari fil-postijiet ċentrali, u assenjati għall-ġestjoni tal-pulizija ġudizzjarja u l-pulizija responsabbli għaż-żamma ta' l-ordni;

(ċ) appoġġ fil-qasam tal-liġi kriminali sabiex, ma' l-attivitajiet fil-qasam tal-pulizija, tingħaqad interfaċċja mal-ġustizzja kriminali u jingħata segwitu għal aspetti importanti tar-riforma tal-ġustizzja kriminali, inkluż fil-każ tal-liġi kriminali militari;

(d) kompetenzi sabiex isir kontribut għall-aspetti orizzontali tar-RSS;

(e) esperti assenjati lill-PNC, partikolarment f'postijiet ċentrali, u assenjati għall-ġestjoni tal-Pulizija tal-Fruntieri u s-Servizz tal-Verifika tal-Pulizija;

(f) esperti assenjati lill-pulizija kif ukoll għall-aspetti marbuta mas-sessi, id-drittijiet tal-bniedem u t-tfal u l-konflitti armati tal-proċess ta' stabilizzazzjoni fix-xlokk, u r-rabta tiegħu mal-proċess nazzjonali ta' riforma tal-pulizija.

4. Iż-żona ta' insedjament għandha tkun Kinshasa, Goma u Bukavu. Minħabba l-implikazzjonijiet ġeografiċi tal-missjoni fit-territorju kollu tar-RDK, bħala riżultat tal-mandat, jista' jkun li l-esperti jkunu meħtieġa jivvjaġġaw u jkunu temporanjament preżenti f'postijiet oħra fil-provinċji, fuq struzzjonijiet tal-Kap tal-Missjoni jew kwalunkwe persuna awtorizzata għal dan l-effett mill-Kap tal-Missjoni, u b'kont debitu meħud ta' l-esiġenzi tas-sitwazzjoni ta' sigurtà.";

3) l-Artikolu 9(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2007 sat-30 ta' Ġunju 2008 għandu jkun ta 5 500 000 EUR.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009 għandu jkun ta' 6 920 000 EUR.";

4) l-Artikolu 15 għandu jitħassar;

5) it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Dan għandu japplika sat-30 ta' Ġunju 2009.".

*Artikolu 2*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Luxembourg, 23 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. JARC

## CORRIGENDUM

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1214/2007 ta' l-20 ta' Settembru 2007 li jemenda Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 286 tal-31 ta' Ottubru 2007)*

F'paġna 6, Kapitlu 54:

*minflok:* "Filamenti magħmulin mill-bniedem",

*aqra:* "Filamenti magħmulin mill-bniedem; strixxi u oġġetti simili ta' materjali tessili magħmulin mill-bniedem".

F'paġna 54:

ħassar: in-nota 3 ta' qiegħ il-paġna;

kodiċi NM 0304 19 99, it-tielet kolonna:

*minflok:* "15 (2) (3)",

*aqra:* "15 (2)".

F'paġna 56:

daħħal in-nota li ġejja f'qiegħ il-paġna:

"(3) Rata ta' dazju mnaqqsa għal 11,4 % sas-16 ta' Diċembru 2009 (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1839/2006 (ĠU L 355, 15.12.2006, p. 1)).";

kodiċi NM 0304 29 99, it-tielet kolonna:

*minflok:* "15 (1)",

*aqra:* "15 (1) (3)".

F'paġna 118, it-tielet kolonna: kodiċi NM 1511 90 11:

*minflok:* "12,8 (1)",

*aqra:* "12,8";

kodiċi NM 1511 90 19:

*minflok:* "10,9",

*aqra:* "10,9 (1)".

F'paġna 813, taħt it-titlu ta' Anness 4:

*daħħal:* "Il-prefissi u s-suffissi jistgħu jkunu kkombinati (pereżempju, fosfat ta' l-idroklorur). Huma jistgħu jkunu preċeduti minn prefiss multiplu bħal bi, bis, di, emi, epta, eża, mono, penta, seskwi, tetra, tri, tris… (pereżempju, dijaċetat). Sinonimi u ismijiet sistematiċi jistgħu wkoll jintużaw, bl-istess mod.

INN tfisser Ismijiet Internazzjonali Mhux Proprjetarji għal sustanzi farmaċewtiċi, Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

INNRG tfisser Ismijiet Internazzjonali Mhux Proprjetarji (INN) għal sustanzi farmaċewtiċi, Ismijiet għal radikali u gruppi, lista komprensiva 2004.

INNCN tfisser isem kimiku jew sistematiku mniżżel fl-Ismijiet Internazzjonali Mhux Proprjetarji (INN) għal sustanzi farmaċewtiċi, Ismijiet għal radikali u gruppi, lista komprensiva 2004."